IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2020
COM(2020) 207 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-użu ta' forom addizzjonali ta' espressjoni u ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni

# WERREJ


1. Daħla ..... 2
2. Sfond storiku ..... 3
3. Il-qafas legali tal-UE dwar it-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ..... 4
3.1. Forom addizzjonali ta' espressjoni u ta' preżentazzjoni skont ir-Regolament dwar l-FIC ..... 4
3.2. Skemi oħrajn ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ..... 4
3.3. It-tfassil tal-profili nutrizzjonali ..... 5
4. L-iskemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett implimentati jew żviluppati fil-livell tal-UE ..... 6
4.1. Formati differenti tal-iskemi ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ..... 6
4.2. L-iskemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li l-Istati Membri u r-Renju Unit approvaw jew qed iqisu ..... 6
4.3. Skemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li żviluppaw operaturi privati tal-UE ..... 11
5. Is-sitwazzjoni fil-livell internazzjonali ..... 13
6. Interess, fehim u reazzjoni tal-konsumaturi u impatt fuq is-saħħa ..... 14
7. Impatt fuq l-operaturi tan-negozji tal-ikel u fuq is-suq intern ..... 19
8. Pożizzjonijiet u perspettivi ..... 21
8.1. Il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni ..... 21
8.2. L-esperti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri tal-UE ..... 22
8.3. Il-partijiet ikkonċernati ..... 22
8.4. L-organizzazzjonijiet internazzjonali ..... 23
9. Konklużjonijiet ..... 24

## 1. DAĦLA

Dan ir-rapport iwieġeb għall-obbligu tal-Kummissjoni li ġie stabbilit bl-Artikolu 35(5) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011[1] dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament dwar l-FIC"). Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu ta' forom addizzjonali ta' espressjoni u ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, dwar l-effett tagħhom fuq is-suq intern u dwar ir-rakkomandabbiltà ta' aktar armonizzazzjoni ta' dawk il-forom. Din id-dispożizzjoni tgħid ukoll li l-Kummissjoni tista' takkumpanja r-rapport bi proposti biex jiġu mmodifikati d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni.

Skont ir-Regolament dwar l-FIC, minn Diċembru tal-2016 'il quddiem il-biċċa l-kbira tal-ikel ippakkjat bil-lest[2] irid ikollu dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni fuqu, ta' spiss fuq in-naħa ta' wara tal-pakkett tal-ikel, biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati u favur is-saħħa. Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi kkomplementata minn ripetizzjoni volontarja tal-elementi ewlenin tagħha fil-kamp viżiv prinċipali (magħruf bħala "l-parti ta' quddiem tal-pakkett"), sabiex tgħin lill-konsumaturi jaraw mad-daqqa t'għajn l-informazzjoni essenzjali dwar in-nutrizzjoni meta jkunu qed jixtru l-ikel. Għal din ir-ripetizzjoni, minbarra l-forom ta' espressjoni u ta' preżentazzjoni inklużi fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni (bħall-kliem jew in-numri), jistgħu jintużaw ukoll forom oħrajn ta' espressjoni u/jew ta' preżentazzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett (bħall-forom jew is-simboli grafiċi).

Fid-dawl tal-esperjenza li nkisbet b'rabta ma' dawn il-forom addizzjonali ta' espressjoni u/jew ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, il-Kummissjoni ntalbet tadotta rapport dwar l-użu tagħhom u dwar l-impatt tagħhom sat-13 ta' Diċembru 2017. Minħabba l-esperjenza limitata li kien hemm f'dan il-qasam fis-snin li għaddew u xi żviluppi riċenti li kien hemm fih fil-livell nazzjonali, l-adozzjoni tar-rapport ġiet posposta biex fih tiġi inkluża l-esperjenza li nkisbet b'rabta mal-iskemi li ddaħħlu dan l-aħħar. Dan ir-rapport imur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 35 tar-Regolament dwar l-FIC (li jittratta forom addizzjonali ta' espressjoni u/jew ta' preżentazzjoni li bihom tiġi ripetuta l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni) u jinkludi wkoll l-iskemi li qed jipprovdu informazzjoni dwar il-kwalità nutrizzjonali ġenerali tal-ikel fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, billi distinzjoni bħal din ma tkunx rilevanti mil-lat tal-konsumaturi.

Dan ir-rapport jippreżenta l-iskemi ewlenin ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li dan il-ħin huma implimentati fil-livell tal-UE jew qed jiġu żviluppati fih, kif ukoll xi wħud mill-iskemi implimentati fil-livell internazzjonali. Huwa jindirizza wkoll il-fehim tal-konsumaturi tal-iskemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, kif ukoll l-effettività ta' dawn l-iskemi u l-impatt tagħhom. Dan ir-rapport jibni fuq analiżijiet tal-letteratura u *data* li ġabar u li analizza ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka dwar is-suġġett, kif ukoll fuq konsultazzjoni estensiva li l-Kummissjoni wettqet mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

[2] L-ikel li hu eżentat mir-rekwiżit tad-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni huwa mniżżel fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011.

## 2. SFOND STORIKU

Skont il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-għoti ta' informazzjoni fuq l-ikel lill-konsumaturi, li ġiet stabbilita f'Jannar tal-2008[3], l-operaturi tan-negozji tal-ikel suppost kellhom juru, b'mod obbligatorju, id-dettalji dwar l-enerġija, ix-xaħam, ix-xaħam saturat, il-karboidrati, iz-zokkor u l-melħ fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett tal-ikel ipproċessat ippakkjat bil-lest. Barra minn hekk, setgħu jiġu żviluppati skemi nazzjonali volontarji biex dawn l-elementi obbligatorji jiġu ddikjarati permezz ta' formati oħrajn ta' preżentazzjoni (pereżempju permezz ta' forom grafiċi).

Il-koleġiżlaturi ddeċidew li jżommu l-kunċett tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, iżda li ma jagħmluhx obbligatorju. Huma qablu li, jekk ma jkunx hemm skema ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li l-konsumaturi kollha tal-UE jkunu jistgħu jifhmuha u jaċċettawha, din il-kwistjoni għandha titħalla f'idejn l-Istati Membri u l-operaturi tan-negozji tal-ikel, biex jiżviluppaw l-iskemi tagħhom stess li jkunu adattati għall-konsumaturi tagħhom, dejjem jekk ikunu jikkonformaw ma' ċerti kriterji. L-għan kien li jinġabru l-esperjenzi dwar il-funzjonament tad-diversi skemi fl-Istati Membri sabiex tittieħed deċiżjoni iktar infurmata dwar il-possibbiltà ta' iktar armonizzazzjoni fi stadju iktar tard. F'dan l-isfond, ir-Regolament dwar l-FIC li ġie adottat fl-2011 talab lill-Kummissjoni tipprovdi dan ir-rapport dwar l-użu tad-diversi skemi u dwar l-impatt tagħhom u dwar ir-rakkomandabbiltà ta' aktar armonizzazzjoni.

Minħabba li, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE, ir-rati tal-piż żejjed u tal-obeżità qegħdin dejjem jiżdiedu, u minħabba li hemm piż sostanzjali tal-mard li jista' jiġi attribwit għar-riskji marbutin mad-dieta[4], l-interess mill-awtoritajiet pubbliċi fit-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ilu jiżdied mill-adozzjoni tar-Regolament dwar l-FIC 'l hawn. Is-soltu, il-politika tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ikollha żewġ objettivi, kif ġej: (1) li tingħata informazzjoni addizzjonali lill-konsumaturi biex ikunu jistgħu jagħżlu ikel li huwa aħjar għas-saħħa; u (2) li l-operaturi tan-negozji tal-ikel jitħeġġu jirriformulaw il-prodotti tagħhom biex joffru ikel li huwa aħjar għas-saħħa (Kanter et al., l-2018). Għalhekk, it-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett qed jitqies dejjem iktar bħala għodda biex jiġu appoġġati strateġiji[5] għall-prevenzjoni tal-obeżità u ta' mard ieħor li ma

---

[3] KUMM(2008) 40 finali — ara l-Artikolu 34.

[4] F'ħafna mill-Istati Membri tal-UE, il-problemi tal-piż żejjed u tal-obeżità qed jiżdiedu b'rata mgħaġġla u fl-2014 ġie stmat li 51,6 % mill-popolazzjoni tal-UE (ta' 18-il sena jew aktar) kellhom problemi ta' piż żejjed. L-obeżità hija problema serja tas-saħħa pubblika, billi żżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' mard kroniku bħall-mard kardjovaskulari, id-dijabete tat-tip 2 u ċerti tipi ta' kanċer (ara t-taqsima msejħa "Overweight_and_obesity_-_BMI_statistics" fis-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/). B'mod aktar ġenerali, huwa stmat li fl-Unjoni Ewropea, aktar minn 950 000 mewta u aktar minn 16-il miljun sena ta' ħajja mitlufa jistgħu jiġu attribwiti għal riskji marbutin mad-dieta minħabba dieti li mhumiex tajbin għas-saħħa (ara s-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/health-knowledge-gateway/societal-impacts/burden).

[5] Bħala parti mill-istrateġiji tagħhom għall-promozzjoni tas-saħħa u għall-prevenzjoni tal-mard, l-Istati Membri tal-UE qed jieħdu diversi approċċi (pereżempju l-ftehimiet dwar ir-riformulazzjoni, ir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-ikel li jkun fih ħafna xaħam, melħ u zokkor, l-akkwist pubbliku ta' ikel tajjeb għas-saħħa u t-tassazzjoni tax-xorb biz-zokkor). Il-Kummissjoni Ewropea qed tappoġġa lill-Istati Membri fl-azzjonijiet tagħhom marbutin ma' stili ta' ħajja u ikel li huma tajbin għas-saħħa permezz tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE tal-2007 dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutriment, il-Piż Żejjed u l-Obeżità, permezz tal-Qafas tal-UE tal-2011 għal Inizjattivi Nazzjonali dwar Nutrijenti Magħżula (fl-2008 kien intlaħaq qbil dwar qafas ta' riformulazzjoni biex jitnaqqas il-melħ) u permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Obeżità fit-Tfal għall-2014 sal-2020. Il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja li huma tajbin għas-saħħa se tgħin lill-Istati Membri jilħqu l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli sal-2030 u l-miri tad-WHO

jitteħidx li huwa marbut mad-dieta. Illum il-ġurnata fl-UE ġew żviluppati u implimentati bosta skemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett.

## 3. IL-QAFAS LEGALI TAL-UE DWAR IT-TIKKETTAR DWAR IN-NUTRIZZJONI FUQ IL-PARTI TA' QUDDIEM TAL-PAKKETT

### 1.1. Forom addizzjonali ta' espressjoni u ta' preżentazzjoni skont ir-Regolament dwar l-FIC

Ir-Regolament dwar l-FIC (fl-Artikolu 30(3) tiegħu) jippermetti li l-informazzjoni pprovduta fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, jiġifieri l-valur enerġetiku waħdu jew il-valur enerġetiku flimkien mal-ammonti ta' xaħam, saturati, zokkor u melħ, tiġi ripetuta fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett fuq bażi volontarja. Skont l-Artikolu 35 tar-Regolament dwar l-FIC, forom addizzjonali ta' espressjoni u/jew ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni (bħall-forom jew is-simboli grafiċi) jistgħu jintużaw mill-operaturi tan-negozji tal-ikel jew jiġu rrakkomandati mill-Istati Membri, dejjem jekk ikunu jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament.

Dawn il-kriterji jinkludu r-rekwiżiti li l-forom addizzjonali jkunu bbażati fuq riċerka tal-konsumatur serja u xjentifikament valida u li ma jkunux jiżgwidaw lill-konsumatur. Dawn il-forom għandhom ikunu r-riżultat ta' konsultazzjoni ma' firxa wiesgħa ta' gruppi ta' partijiet ikkonċernati, irid ikollhom l-għan li jiffaċilitaw il-fehim tal-konsumaturi tal-kontribut jew tal-importanza tal-ikel għall-kontenut tal-enerġija u tan-nutrijenti ta' dieta, u għandhom ikunu appoġġati minn evidenza xjentifika li turi li l-konsumatur medju jifhimhom. Barra minn hekk, il-forom iridu jkunu oġġettivi u mhux diskriminatorji, u ma għandhomx joħolqu ostakli għall-moviment liberu tal-merkanzija. F'każ ta' forom oħrajn ta' espressjoni, dawn għandhom ikunu bbażati fuq il-konsum referenzjali armonizzat jew fuq il-parir xjentifiku aċċettat b'mod ġenerali dwar il-konsum.

L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-użu ta' kull forma addizzjonali ta' espressjoni u ta' preżentazzjoni fit-territorju tagħhom u għandhom jibagħtu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni. Biex jiġi ffaċilitat dan il-monitoraġġ, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-operaturi tan-negozji tal-ikel li jqiegħdu xi ikel li jkun fih din l-informazzjoni fis-suq fit-territorju tagħhom javżawhom dwar l-użu ta' forom addizzjonali ta' espressjoni u/jew ta' preżentazzjoni u jagħtuhom il-ġustifikazzjonijiet rilevanti dwar l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE.

### 1.2. Skemi oħrajn ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett

Xi skemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li żviluppaw l-Istati Membri jew l-operaturi tan-negozji tal-ikel ma jidħlux fl-Artikolu 35 tar-Regolament dwar l-FIC billi ma jirrepetux eżattament l-informazzjoni pprovduta mid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, iżda jipprovdu informazzjoni dwar il-kwalità nutrizzjonali ġenerali tal-ikel (pereżempju permezz ta' simbolu jew ta' ittra). Dawn l-iskemi jitqiesu bħala "informazzjoni volontarja", skont l-Artikolu 36 tar-Regolament dwar l-FIC, li ma għandhiex tqarraq bil-konsumaturi, li ma għandhiex tkun ambigwa jew toħloq konfużjoni għall-konsumaturi u li, meta jkun il-każ, għandha tkun ibbażata fuq id-*data* xjentifika rilevanti. Fl-istess ħin, meta skema bħal din tattribwixxi messaġġ pożittiv ġenerali (pereżempju permezz tal-kulur aħdar), hija tissodisfa

dwar il-mard li ma jitteħidx sal-2025. (Ara s-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/nutrition_physical_activity/docs/2019_initiatives_npa_en.pdf.)

wkoll id-definizzjoni legali ta' "indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni"[6] billi tipprovdi informazzjoni dwar il-kwalità nutrizzjonali ta' benefiċċju tal-ikel, kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel[7] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament dwar l-indikazzjonijiet"). Skont ir-Regolament dwar l-indikazzjonijiet, l-indikazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika, ma għandhomx iqarrqu bil-konsumaturi u għandhom ikunu permessi biss jekk il-konsumatur medju jista' jkun mistenni jifhem l-effetti ta' benefiċċju espressi fihom. L-iskemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-indikazzjonijiet jistgħu jintużaw fit-territorju ta' Stat Membru biss jekk dak l-Istat Membru jkun adottahom skont l-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament, li jiddeskrivi l-proċedura ta' notifika lill-Kummissjoni.

### 1.3. It-tfassil tal-profili nutrizzjonali

It-tfassil tal-profili nutrizzjonali huwa l-kategorizzazzjoni tal-ikel skont il-kompożizzjoni nutrizzjonali tiegħu bl-użu ta' kriterji ddefiniti minn qabel[8]. Dan jintuża għal diversi affarijiet mad-dinja kollha, pereżempju biex tiġi rregolata l-kummerċjalizzazzjoni tal-ikel għat-tfal. Użu komuni tat-tfassil tal-profili nutrizzjonali huwa wkoll fl-iskemi tat-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett. Ħafna mill-iskemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett huma bbażati fuq kriterji tat-tfassil tal-profili nutrizzjonali li jistgħu jkunu valuri sempliċi ta' limitu tan-nutrijenti, pereżempju biex jiġi ddefinit meta skema għandha tattribwixxi kulur aħdar, oranġjo jew aħmar, jew inkella algoritmi iktar kumplessi li jwasslu għal punteġġ ta' sinteżi. Il-kriterji tat-tfassil tal-profili nutrizzjonali jistgħu jkunu japplikaw għall-gruppi tal-ikel kollha, jew inkella jkunu speċifiċi għal gruppi ta' prodotti differenti. Il-kriterji tat-tfassil tal-profili nutrizzjonali ma jingħatawx fuq it-tikketti.

Fl-UE, il-kunċett tat-tfassil tal-profili nutrizzjonali jintuża wkoll fil-kuntest tal-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel, fejn "il-profili nutrizzjonali" jinftehmu bħala valuri ta' limitu tan-nutrijenti bħax-xaħam, il-melħ u z-zokkor li malli jinqabżu, jiġu ristretti jew ipprojbiti l-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa, u b'hekk ma jkunx permess messaġġ pożittiv dwar is-saħħa fuq l-ikel li jkun fih ħafna minn dawn in-nutrijenti. Skont ir-Regolament dwar l-indikazzjonijiet, il-Kummissjoni kellha tistabbilixxi "profili nutrizzjonali" sal-2009, iżda dawn għadhom ma ġewx stabbiliti minħabba l-kontroversja kbira marbuta ma' dan is-suġġett, li ntweriet mill-fehmiet differenti u polarizzati li ħarġu fl-2009 meta l-Kummissjoni ppruvat tistabbilixxi dawn il-profili. Evalwazzjoni tar-Regolament dwar l-indikazzjonijiet qed tiffoka, fost l-oħrajn, fuq it-tfassil tal-profili nutrizzjonali u b'mod aktar speċifiku fuq il-kwistjoni ta' jekk il-fatt li jiġu stabbiliti "profili nutrizzjonali" li jkollhom l-għan li jevitaw indikazzjonijiet attraenti fuq l-ikel li jkun fih wisq melħ jew xaħam jew li jkun fih iz-zokkor għadux jilħaq l-iskop tiegħu, jew jekk tistax tiġi prevista xi alternattiva biex jintlaħqu l-istess objettivi.

---

[6] Indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni tiddikjara jew tissuġġerixxi li xi ikel għandu proprjetajiet ta' nutriment ta' benefiċċju minħabba l-enerġija li jipprovdi u n-nutrijenti u s-sustanzi l-oħra li jkun fih jew li ma jkunx fih (l-Artikolu 2(2)(4) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006).

[7] Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9).

[8] Ara s-sit web li ġej: https://www.who.int/nutrition/topics/profiling/en/.

## 4. L-ISKEMI TA' TIKKETTAR FUQ IL-PARTI TA' QUDDIEM TAL-PAKKETT IMPLIMENTATI JEW ŻVILUPPATI FIL-LIVELL TAL-UE

### 1.4. Formati differenti tal-iskemi ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett

Fit-tmeninijiet, xi gvernijiet bdew jiżviluppaw tikketti dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett fil-kuntest tal-istrateġiji għall-prevenzjoni tal-obeżità u ta' mard ieħor li ma jitteħidx li huwa marbut mad-dieta. Fl-ewwel snin tas-seklu wieħed u għoxrin, b'mod konkomitanti mal-epidemija globali tal-obeżità li kienet qed tfeġġ u mal-abbundanza akbar tal-ikel ipproċessat fis-suq, l-għadd ta' inizjattivi marbutin mat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett żdied b'mod kostanti (Kanter *et al.*, l-2018). It-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ġie implimentat b'ħafna modi differenti, u dal-ħin hemm diversi formati li qed jintużaw madwar id-dinja. Fil-letteratura ġew ippreżentati diversi tipoloġiji biex dawn il-formati jiġu kklassifikati f'kategoriji skont il-karatteristiċi ewlenin tagħhom.

L-iskemi jistgħu jinqasmu fi skemi "speċifiċi għan-nutrijenti", li jipprovdu informazzjoni nutrizzjonali bejn wieħed u ieħor iddettaljata dwar nutrijenti speċifiċi, u skemi ta' "indikaturi ta' sinteżi" li minflok jipprovdu apprezzament sintetiku tal-kwalità nutrizzjonali ġenerali tal-prodott jew ta' kemm hu tajjeb għas-saħħa b'mod ġenerali (Savoie *et al.*, l-2013). Il-kategorija tal-iskemi "speċifiċi għan-nutrijenti" tista' terġa' tinqasam fis-sottokategoriji tal-iskemi "numeriċi" u dawk "ikkodifikati bil-kulur". L-iskemi tal-"indikaturi ta' sinteżi" jistgħu jerġgħu jinqasmu f'dawk b'indikaturi "pożittivi" (b'logos ta' approvazzjoni) li jistgħu jiġu applikati biss fuq oġġetti tal-ikel li jikkonformaw ma' ċerti kriterji tan-nutrizzjoni, u f'dawk b'indikaturi "kklassifikati" li jipprovdu informazzjoni globali u kklassifikata dwar il-kwalità nutrizzjonali tal-ikel u li jistgħu jiġu applikati fuq l-oġġetti kollha tal-ikel (Julia u Hercberg, l-2017).

Tipoloġija oħra hija marbuta ma' kemm hi diretta l-iskema, jiġifieri sa liema punt it-tikketta tipprovdi indikazzjoni diretta ta' jekk il-prodott huwiex tajjeb għall-konsumaturi mil-lat tan-nutrizzjoni jew le (Hodgkins *et al.*, l-2012). Klassifikazzjoni oħra tinkludi żewġ kategoriji, dik tal-iskemi "ta' informazzjoni mnaqqsa" (li jagħtu verżjoni mnaqqsa tal-informazzjoni dwar in-nutrizzjoni mogħtija fuq in-naħa ta' wara tal-pakkett) u dik tal-iskemi "evalwattivi" (li jevalwaw l-informazzjoni dwar in-nutrizzjoni għall-konsumatur) (Newman *et al.*, l-2014). Skont id-definizzjoni tagħhom, l-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li jkunu evalwattivi, kemm jekk ikunu skemi speċifiċi għan-nutrijenti kif ukoll jekk ikunu skemi tal-indikaturi ta' sinteżi, huma bbażati fuq il-mudelli tat-tfassil tal-profili nutrizzjonali.

It-Tabella 1 tikklassifika l-iskemi pubbliċi (implimentati jew proposti) u xi whud mill-iskemi privati skont it-tipoloġiji differenti, u tipprovdi wkoll informazzjoni dwar min żviluppahom u dwar fejn qed jintużaw jew fejn ġew proposti jew imħabbra.

### 1.5. L-iskemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li l-Istati Membri u r-Renju Unit approvaw jew qed iqisu[9]


*Tikketti ta' sinteżi — logos pożittivi*

Il-logo imsejjaħ "Keyhole", li żviluppatu l-Aġenzija Nazzjonali tal-Ikel tal-Iżvezja u li ddaħħal fl-**Iżvezja** fl-1989, kien l-ewwel sistema ta' logo fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li ġiet implimentata fl-UE. Il-logo imsejjaħ "Keyhole" huwa tiketta volontarja mingħajr ħlas fl-għamla ta' rappreżentazzjoni simbolika ħadra li tidentifika l-għażla li hija aħjar għas-saħħa

[9] Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u mill-1 ta' Frar 2020 sar pajjiż terz.

fi 33 grupp tal-ikel iddefiniti (pereżempju l-ħobż, il-ġobon u l-ikliet lesti), abbażi ta' kriterji tan-nutrizzjoni bħal-livell ta' xaħam, ta' zokkor, ta' melħ, ta' ċereali integrali jew ta' fibra. Il-logo ma jistax jintuża fuq prodotti li jkollhom valur nutrizzjonali baxx, bħall-ikliet ħfief mielħa jew is-soft drinks. **Id-Danimarka** u **l-Litwanja** introduċew it-tikketta tal-logo imsejjaħ "Keyhole" fl-2009 u fl-2013 rispettivament. It-tikketta adottawha wkoll pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE (bħan-Norveġja u l-Iżlanda).

**It-Tabella 1 — It-tipoloġiji u l-formati tal-iskemi tat-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett implimentati, proposti jew imħabbra fil-livell tal-Istati Membri u tar-Renju Unit**

| *Tassonomiji ppreżentati fil-letteratura* | | | | *Eżempji tal-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett* | | *Min żviluppa l-iskema* | *L-Istat Membru tal-UE* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Tikketti speċifiċi għan-nutrijenti** | **Numeriċi** | Mhux diretti | Ta' informazzjoni mnaqqsa (mhux interpretattivi) | *It-tikketta tal-konsum referenzjali* |  | *Żviluppatur privat* | *L-UE kollha* |
| | | | | *L-iskema msejħa "NutrInform Battery"* |  | *Żviluppatur pubbliku* | *L-Italja* |
| | **Ikkodifikati bil-kulur** | Nofshom diretti | Evalwattivi (interpretattivi) | *It-tikketta fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett tar-Renju Unit* |  | *Żviluppatur pubbliku* | *Ir-Renju Unit* |
| | | | | *Tikketti oħrajn b'simboli li jixbhu lis-sinjali tat-traffiku* |  | *Żviluppatur privat (il-bejjiegħa bl-imnut)* | *Il-Portugall u Spanja* |
| **Tikketti ta' sinteżi** | **Logos pożittivi (ta' approvazzjoni)** | Diretti | Evalwattivi (interpretattivi) | *Il-logo imsejjaħ "Keyhole"* |  | *Żviluppatur pubbliku* | *L-Iżvezja, id-Danimarka u l-Litwanja* |
| | | | | *Logos li juru qalb jew logos marbutin mas-saħħa* |   | *Organizzazzjoni mhux governattiva* *Żviluppatur pubbliku* | *Il-Finlandja u s-Slovenja* *Il-Kroazja* |
| | | | | *L-iskema ta' għażla tajba għas-saħħa* |  | *Żviluppatur privat* | *Iċ-Ċekja u l-Polonja* *Skema eliminata b'mod gradwali fin-Netherlands* |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Indikaturi kklassifikati** | | | *L-iskema msejħa "Nutri-Score"* |  | *Żviluppatur pubbliku* | *Franza, il-Belġju,*<br>*Spanja, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Lussemburgu* |

**Il-Finlandja** approvat is-"simbolu tal-qalb li juri għażla aħjar" fis-sena 2000. Il-kriterji biex jintuża s-simbolu (il-kontenut ta' xaħam, ta' melħ, ta' zokkor u/jew ta' fibra) huma ddefiniti għal disa' gruppi tal-ikel ewlenin. Id-dritt li tintuża t-tikketta jagħtuh esperti maħturin mill-Assoċjazzjonijiet tal-Qalb u tad-Dijabete tal-Finlandja u għalih trid titħallas tariffa[10].

Fis-**Slovenja**, fl-1992 is-Soċjetà tas-Saħħa Kardjovaskulari daħħlet il-logo imsejjaħ "Protective Food" (Ikel Protettiv) (li jissejjaħ ukoll "Little Heart" (Qalb Żgħira))[11] u l-gvern ippromwovih (Miklavec *et al.*, l-2016). Dan japplika għall-ikel ippakkjat bil-lest li jissodisfa kriterji speċifikati tan-nutrizzjoni.

Bħala parti mill-programm nazzjonali tal-2015 imsejjaħ "Għajxien b'saħħtu", l-Istitut għas-Saħħa Pubblika tal-**Kroazja**[12] ngħata l-mandat li jagħti d-dritt li jintuża l-logo imsejjaħ "Healthy Living" (Għajxien b'saħħtu) fuq l-ikel li jkun jissodisfa ċerti kriterji speċifiċi tan-nutrizzjoni[13].

*Tikketti ta' sinteżi — indikaturi kklassifikati*

F'Ottubru tal-2017, **Franza** adottat l-iskema msejħa "Nutri-Score" wara sensiela ta' studji sperimentali fuq skala kbira. L-iskema msejħa "Nutri-Score", li hija bbażata fuq il-mudell ta' tfassil tal-profili nutrizzjonali tal-Aġenzija tal-Istandards tal-Ikel tar-Renju Unit, tindika l-kwalità nutrizzjonali ġenerali ta' oġġett tal-ikel partikulari. It-tabella hija rrappreżentata minn skala ta' ħames kuluri, li jvarjaw minn aħdar skur li jindika l-oġġetti tal-ikel bl-ogħla kwalità nutrizzjonali sa oranġjo skur li jindika prodotti bi kwalità nutrizzjonali iktar baxxa, li huma assoċjati mal-ittri minn A sa E. L-algoritmu biex jiġi kkalkulat il-punteġġ nutrizzjonali jqis kemm l-elementi negattivi (iz-zokkor, ix-xaħmijiet saturati, il-melħ u l-kaloriji), kif ukoll dawk pożittivi (il-proteini, il-fibra, il-frott, il-ħaxix, il-legumi u l-ġewż). **Il-Belġju** wkoll adotta l-iskema msejħa "Nutri-Score" (f'Marzu tal-2019). F'Marzu tal-2020, **il-Ġermanja** għarrfet lill-Kummissjoni b'abbozz tar-regolament nazzjonali dwar l-użu tal-iskema msejħa "Nutri-Score". **Spanja**[14], **in-Netherlands**[15] u **l-Lussemburgu**[16] ħabbru (f'Novembru tal-2018, f'Novembru tal-2019 u fi Frar tal-2020 rispettivament) li ddeċidew li jadottaw din l-iskema.

*Tikketti speċifiċi għan-nutrijenti*

F'Jannar tal-2020, **l-Italja** għarrfet lill-Kummissjoni b'abbozz ta' Digriet li jirrakkomanda l-użu tal-iskema volontarja ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett imsejħa "NutrInform Battery". Din l-iskema hija bbażata fuq it-tikketta tal-konsum referenzjali (deskritta hawn taħt), b'simbolu ta' batterija miżjud magħha li jindika l-ammont tal-enerġija u tan-nutrijenti li jkun hemm f'ikla waħda bħala perċentwal tal-konsum ta' kuljum. L-iskema s'issa mhix qed tintuża fis-suq tal-UE.

Fl-2013, wara bosta snin ta' riċerka u ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, **ir-Renju Unit** daħħal b'mod formali skema volontarja ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett

---

[10] Skont informazzjoni li ta l-Ministeru tal-Agrikoltura tal-Finlandja (fi Frar tal-2017).

[11] Skont informazzjoni li ta l-Ministeru tal-Agrikoltura, tal-Forestrija u tal-Ikel tas-Slovenja (fi Frar tal-2017).

[12] Skont informazzjoni li ta l-Ministeru tas-Saħħa tal-Kroazja (fi Frar tal-2017)

[13] https://www.hzjz.hr/wp-content/uploads/2015/06/Healthy-Living-Food-criteria.pdf.

[14] Ara s-sit web li ġej: https://www.lamoncloa.gob.es/serviciosdeprensa/notasprensa/sanidad/Paginas/2018/121118-premiosnaos.aspx.

[15] Ara s-sit web li ġej: https://www.rijksoverheid.nl/actueel/nieuws/2019/11/28/nutri-score-wordt-na-aanpassing-het-voedselkeuzelogo-voor-nederland.

[16] Ara s-sit web li ġej: https://gouvernement.lu/fr/actualites/toutes_actualites/communiques/2020/02-fevrier/12-lenert-bilan.html.

— l-hekk imsejħa "skema tas-sinjali tat-traffiku". Din l-iskema tikkombina l-kodifikazzjoni bil-kulur u l-perċentwali tal-konsum referenzjali[17] u hija appoġġata minn gwida li adottaw l-awtoritajiet tar-Renju Unit[18]. Hija tipprovdi informazzjoni dwar il-kontenut ta' xaħam, ta' xaħam saturat, ta' zokkor u ta' melħ, u dwar il-valur enerġetiku għal kull ikla jew għal kull porzjon tal-ikel. Hija tuża l-kuluri biex tikklassifika n-nutrijenti bħala ta' livell "baxx" "medju" jew "għoli" (permezz tal-kulur aħdar, ambra u aħmar rispettivament); u l-valuri ta' limitu tal-kuluri jissejsu fuq 100 gramma ta' ikel jew millilitru ta' xorb(u għall-prodotti li jinbiegħu f'porzjonijiet kbar, japplikaw valuri ta' limitu għall-porzjonijiet għall-kulur aħmar).

### 1.6. Skemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li żviluppaw operaturi privati tal-UE

*Tikketti speċifiċi għan-nutrijenti*

B'mod parallel għall-iskemi approvati mill-gvern, l-assoċjazzjoni tal-industrija Ewropea tal-ikel u tax-xorb żviluppat l-iskema tal-Gwida tal-Ammonti ta' Kuljum, li aktar tard bdiet tissejjaħ **it-tikketta tal-konsum referenzjali**, li ddaħħlet fl-2006. Din it-tikketta tipprovdi informazzjoni numerika dwar kemm hemm enerġija u nutrijenti f'porzjon tal-ikel, u kemm dan jirrappreżenta bħala perċentwal tal-konsum referenzjali ta' kuljum[19]. L-iskema tintuża madwar l-UE (Storcksdieck genannt Bonsmann *et al.*, l-2010).

Xi bejjiegħa bl-imnut (pereżempju fil-Portugall u fi Spanja) żviluppaw it-tikketta dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett tagħhom stess abbażi ta' **format tas-sinjali tat-traffiku** li jżid il-kuluri mat-tikketta tal-konsum referenzjali.

Fl-2017, sitt kumpaniji multinazzjonali tal-ikel u tax-xorb żviluppaw it-"**Tikketta dwar in-nutrizzjoni żviluppata aktar**", li tissejjes fuq it-tikketta tal-konsum referenzjali u żżid kuluri simili għal dawk użati fl-iskema ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett tar-Renju Unit, iżda li hija inqas stretta fl-użu tal-kulur ambra u aħmar fil-każ tal-prodotti li jitqiesu bħala prodotti li jittieklu f'porzjonijiet żgħar[20]. F'Novembru tal-2018, dawn il-kumpaniji qalu li huma kienu ddeċidew li jissospendu jew li jwaqqfu l-provi tat-tikketta dwar in-nutrizzjoni żviluppata aktar għall-oġġetti tal-ikel.

*Tikketti ta' sinteżi — logos pożittivi*

Il-logo tal-"**Għażla tajba għas-saħħa**" (li huwa logo fil-forma ta' marka), li huwa tal-fondazzjoni internazzjonali msejħa "Choices International Foundation", jidentifika għażliet aħjar għas-saħħa fil-gruppi tal-ikel. Il-kriterji speċifiċi għall-kategorija huma bbażati fuq il-livelli tal-aċidi xaħmin saturati u trans, taz-zokkor miżjud, tal-melħ, tal-fibra u/jew tal-enerġija. Il-kriterji japplikaw għall-oġġetti kollha tal-ikel, inklużi l-ikliet ħfief u s-soft drinks. Il-kumpaniji li jħallsu miżata tas-sħubija lill-organizzazzjoni nazzjonali tal-fondazzjoni msejħa "Choices" jistgħu jużaw il-logo fuq il-prodotti eliġibbli. L-iskema tintuża fir-

---


[17] Il-konsum referenzjali tal-enerġija u tan-nutrijenti huwa l-konsum massimu rrakkomandat ta' kuljum tagħhom.

[18] Il-gwida għall-ħolqien ta' tikketta dwar in-nutrizzjoni għall-parti ta' quddiem tal-pakkett għall-prodotti ppakkjati bil-lest li jinbiegħu minn ħanut tal-bejgħ bl-imnut (li ġiet aġġornata l-aħħar fit-8 ta' Novembru 2016), li tinsab fis-sit web li ġej: https://www.gov.uk/government/publications/front-of-pack-nutrition-labelling-guidance.

[19] Ara t-taqsima msejħa "Understanding the label" fis-sit web imsejjaħ "Reference Intakes" tal-inizjattiva FoodDrinkEurope (mogħtija fis-sit web li ġej: https://referenceintakes.eu/understanding-label.html)

[20] Ara l-preżentazzjoni tas-sitt kumpaniji fil-Pjattaforma tal-UE għall-azzjoni dwar id-dieta u s-saħħa tat-30 ta' Novembru 2017, li tinsab fis-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/nutrition_physical_activity/docs/ev_20171130_co03_en.pdf.

Repubblika Ċeka u fil-Polonja. Il-gvern tan-Netherlands approva l-logo fl-2013, iżda rtirah fl-2017[21].



[21] Ara l-Komunikazzjoni tas-27 ta' Ottubru 2017 imsejħa "Staatscourant Vinkje" (li tinsab fis-sit web li ġej: https://www.row-minvws.nl/documenten/vergaderstukken/2017/10/27/mededeling-staatscourant-vinkje-row-del-27-oktober-2017).

## 5. IS-SITWAZZJONI FIL-LIVELL INTERNAZZJONALI

Dal-ħin, aktar minn 40 pajjiż madwar id-dinja qed jużaw xi tip ta' skema ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakketti tal-ikel[22].

Filwaqt li ħafna mill-pajjiżi terzi daħħlu tikketti dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett fuq bażi volontarja, xi pajjiżi għamlu t-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett obbligatorji. B'mod ġenerali, hemm tendenza li l-pajjiżi li jkunu fl-istess reġjun ġeografiku jagħżlu tikketti simili, filwaqt li jadattaw ċerti aspetti tagħhom għaċ-ċirkustanzi nazzjonali[23].

Minbarra r-Renju Unit, **il-format tas-sinjali tat-traffiku speċifiċi għan-nutrijenti** daħħluh biss ftit pajjiżi fuq bażi volontarja jew obbligatorja (bħall-Korea t'Isfel u l-Ekwador rispettivament). L-Indja wkoll qed tqis l-użu ta' tikketta obbligatorja[24].

Għadd ta' pajjiżi Asjatiċi (bħall-Malasja, Singapore u t-Tajlandja) qed jużaw **logos pożittivi tal-għażla tajba għas-saħħa b'formati** u kriterji **differenti** (li xi whud minnhom huma bbażati fuq il-kriterji tal-fondazzjoni msejħa "Choices International"). Xi pajjiżi Afrikani (bħan-Niġerja u ż-Żimbabwe) wkoll daħħlu logos tal-għażla tajba għas-saħħa.

**L-iskema kklassifikata** msejħa "**Health Star Rating**" hija implimentata fl-Awstralja u fi New Zealand u hija skema volontarja ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li tagħti lill-prodotti nofs stilla sa ħames stilel, skont kemm ikunu tajbin għas-saħħa — ħaġa li hija ddefinita min-nutrijenti pożittivi u negattivi li jkun fihom u minn komponenti oħrajn.

**Is-sistema ta' twissija** taċ-Ċilì, li ddaħħlet fl-2016, hija skema obbligatorja bbażata fuq in-nutrijenti li turi l-prodotti li għandhom livelli għoljin ta' enerġija, ta' zokkor, ta' xaħam saturat u/jew ta' sodju. Xi pajjiżi oħra tal-Amerka t'Isfel (bħall-Brażil, il-Perù u l-Urugwaj) kif ukoll il-Kanada u Iżrael żviluppaw, jew qed jiżviluppaw, skemi ta' twissija simili.

Fil-livell internazzjonali, l-industrija tal-ikel u tax-xorb żviluppat varjanti differenti tal-**iskema tal-konsum referenzjali** speċifika għan-nutrijenti li jintużaw b'mod wiesa' minn kumpaniji madwar id-dinja kollha.


L-Illustrazzjoni nru 1 turi xi eżempji ta' tikketti li jintużaw fuq il-parti ta' quddiem tal-pakketti tal-ikel 'il barra mill-UE.

[22] Skont ir-rapport preliminari ta' analiżi tal-impatt regolatorju fuq it-tikkettar dwar in-nutrizzjoni msejjaħ "Preliminary Regulatory Impact Analysis Report on Nutrition Labeling" li l-aġenzija nazzjonali tal-Brażil imsejħa "ANVISA" ppubblikat f'Mejju tal-2018.

[23] Skont l-edizzjoni tal-2018 tal-aġġornament globali dwar it-tikkettar dwar in-nutrizzjoni tal-EUFIC ippubblikata f'Lulju tal-2018 imsejħa "Global Update on Nutrition Labelling - The 2018 edition".

[24] L-abbozz tar-regolamenti dwar is-sikurezza alimentari u l-istandards alimentari (marbutin mat-tikkettar u mal-wiri) tal-2019 imsejjaħ "Draft Food Safety and Standards (Labelling and Display) Regulations, 2019", li l-Kumitat tad-WTO dwar l-ostakli tekniċi għall-kummerċ ġie mgħarraf bih fis-7 ta' Lulju 2019.

**L-Illustrazzjoni nru 1 — Eżempji ta' skemi li jintużaw fil-livell internazzjonali**




Il-Linji Gwida tal-*Codex Alimentarius* dwar it-Tikkettar dwar in-Nutrizzjoni[25] jipprovdu biss gwida limitata dwar it-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, billi din hija forma ta' "informazzjoni supplimentari dwar in-nutrizzjoni". Il-linji gwida jistipulaw li din it-tip ta' informazzjoni dwar in-nutrizzjoni għandu jkollha l-għan li żżid il-fehim tal-konsumaturi tal-valur nutrizzjonali tal-ikel u li tgħinhom jinterpretaw id-dikjarazzjoni dwar in-nutrijenti. Fil-livell internazzjonali ma jeżistux linji gwida speċifiċi dwar l-aħjar prattiki b'rabta mat-tikketti dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, u ġew żviluppati diversi tikketti. Billi l-proliferazzjoni tat-tikketti tista' toħloq problemi għall-kummerċ internazzjonali, f'Ottubru tal-2017 il-Kumitat Codex dwar it-Tikkettar tal-Ikel qabel li jibda ħidma ġdida biex jiżviluppa linji gwida dwar is-sistemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett għall-gvernijiet li jixtiequ jimplimentaw dan it-tip ta' tikkettar, li se jgħin biex jiġu armonizzati s-sistemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett u b'hekk jiffaċilita l-kummerċ internazzjonali[26]. Din il-ħidma għadha għaddejja[27].

## 6. INTERESS, FEHIM U REAZZJONI TAL-KONSUMATURI U IMPATT FUQ IS-SAĦĦA

Wieħed mill-objettivi importanti tal-politika dwar it-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett huwa li l-konsumaturi jiġu megħjuna jagħmlu għażliet tal-ikel li jkunu aħjar għas-saħħa (Kanter *et al.*, l-2018). Ħafna mill-konsumaturi jgħidu, fil-fatt, li huma jsibu t-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett utli (pereżempju 71 % mill-konsumaturi li wieġbu stħarriġ fin-Netherlands[28] u 78 % mill-konsumaturi li wieġbu stħarriġ fil-Ġermanja[29]

[25] Il-Linji Gwida tal-Codex Alimentarius dwar it-Tikkettar dwar in-Nutrizzjoni bin-numru ta' referenza CAC/GL 2-1985, li ġew riveduti l-aħħar fl-2017.

[26] Ir-rapport tal-44 laqgħa tal-Kumitat Codex dwar it-Tikkettar tal-Ikel li saret fil-Paragwaj bejn is-16 u l-20 ta' Ottubru 2017, li ħarġet il-Kummissjoni Codex Alimentarius (bin-numru ta' referenza REP18/FL).

[27] Il-45 laqgħa tal-Kumitat Codex dwar it-Tikkettar tal-Ikel saret f'Mejju tal-2019.

[28] Ir-riċerka fost il-konsumaturi dwar il-logos marbutin mal-għażla tal-ikel li għamlet l-organizzazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumaturi msejħa "Consumentenbond" f'April tal-2018, li tinsab fis-sit web li ġej: https://www.consumentenbond.nl/binaries/content/assets/cbhippowebsite/landingspaginas/acties/weet-wat-je-eet/consumentenonderzoek-voedselkeuzelogos-nl.pdf.

[29] L-istħarriġ li għamlet l-Università ta' Göttingen f'Jannar tal-2018 f'kooperazzjoni mal-kumpanija msejħa "Zühlsdorf+Partner" imsejjaħ "Lebensmittelmarkt und Ernährungspolitik 2018" (it-tweġibiet pożittivi li ngħataw b'rabta mal-istqarrija li ġejja: "It-tikkettar bil-kuluri fuq quddiem tal-pakkett b'simboli li jixbhu lis-sinjali tat-traffiku nsibu utli").

qalu dan). L-evidenza tissuġġerixxi li t-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jimlew nuqqas ta' informazzjoni li jkollhom il-konsumaturi jew jissodisfaw xi ħtieġa mhux issodisfata tagħhom, u li x'aktarx li l-persuni li jkunu ikbar fl-età u dawk b'piż żejjed jew li huma obeżi iktar jgħidu li hemm bżonn ta' tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-2020).

Madankollu, jekk in-nies jibdlux verament l-imġiba tagħhom waqt ix-xiri minħabba li jkun hemm tikketta fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jew le jiddependi fuq diversi fatturi. Biex tkun effettiva, tikketta fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett trid tattira l-attenzjoni tal-konsumaturi u mbagħad tiġi aċċettata u tinftiehem minnhom qabel ma tkun tista' potenzjalment tinfluwenza l-għażliet tal-ikel tagħhom (Grunert u Wills, l-2007) u b'hekk tinfluwenza wkoll id-dieta tagħhom u saħħithom.

*L-attenzjoni tal-konsumaturi*

Qabel ma jkunu jistgħu jaċċettaw u jifhmu tikketta fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, il-konsumaturi l-ewwel nett iridu jagħtu kasha. Intwera li t-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jingħataw iktar attenzjoni milli dawk li jkunu fuq wara tal-pakkett (Becker *et al.*, l-2015). Għadd kbir ħafna ta' konsumaturi jiddikjaraw li jħarsu lejn it-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett (pereżempju 60 % fi studju fost il-konsumaturi Belġjani (Möser *et al.*, l-2010)) iżda huwa magħruf sew mil-letteratura li l-konsumaturi stess jirrappurtaw użu ogħla tat-tikketti milli ġie konkluż abbażi ta' studji ta' osservazzjoni fil-ħwienet (Grunert *et al.*, l-2010).

Bosta karatteristiċi ewlenin jistgħu jżidu l-attenzjoni li tingħata lit-tikketti dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett. Daqs akbar tat-tikketta jgħin biex tinġibed l-attenzjoni aktar malajr. Tingħata iktar attenzjoni wkoll jekk ikun hemm inqas informazzjoni oħra fuq il-pakkett tal-ikel u meta t-tip ta' tikketta u fejn tkun fuq il-pakkett ma jinbidlux. Jidher li l-kulur iżid l-attenzjoni, dment li jkun hemm kuntrast bejn it-tikketta u l-pakkett. Minbarra l-karatteristiċi speċifiċi tat-tikketta, jidher li l-attenzjoni li tingħata lit-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett tiddependi wkoll fuq xi karatteristiċi tal-konsumaturi, bħall-età tagħhom, il-livell ta' edukazzjoni tagħhom u kemm huma mmotivati jibqgħu b'saħħithom. Meta jkun hemm sinjali fir-ringieli tas-supermarkits jew meta jingħata fuljett ta' informazzjoni tista' tiżdied ferm l-attenzjoni li tingħata. (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-2020).

*L-aċċettazzjoni min-naħa tal-konsumaturi*

Jekk il-konsumatur ma jaċċettax it-tikketti, anke jekk jinnutahom se jinjora l-messaġġ li jkun fihom. Jidher li kemm tkun attraenti t-tikketta u kemm tintogħġob huma aspetti importanti għal kemm tiġi aċċettata (Ducrot *et al.*, l-2015a).

B'mod ġenerali, il-konsumaturi jippreferu t-tikketti li ftit li xejn ikollhom kontenut numeriku u li fihom ikun hemm l-istampi u s-simboli (Campos *et al.*, l-2011) — dan jgħodd b'mod partikulari għall-konsumaturi ta' status soċjoekonomiku iktar baxx (Méjean *et al.*, l-2013). Il-kulur ukoll huwa identifikat b'mod ċar bħala karatteristika rilevanti (Babio *et al.*, l-2014). Kemm tkun diretta l-iskema ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett huwa importanti wkoll — xi konsumaturi jogħġbuhom it-tikketti diretti minħabba li permezz tagħhom ikunu jistgħu jiddeċiedu malajr, iżda xi oħrajn jaf jirreaġixxu ħażin meta jingħataw informazzjoni li xi ħaġa hija "tajba għas-saħħa" mingħajr ma jingħataw informazzjoni nutrizzjonali ddettaljata b'rabta ma' dan (Grunert u Wills, l-2007; Hodgkins *et al.*, l-2012). Għalhekk, xi riċerkaturi jissuġġerixxu li skema li fiha jintużaw kemm elementi diretti u kemm elementi mhux diretti tista' tkun format effettiv (Hodgkins *et al.*, l-2012).

Aspett ieħor li huwa importanti għal kemm skema tiġi aċċettata huwa l-fiduċja. L-istudji juru li jekk istituzzjoni kredibbli tapprova logo, il-konsumaturi jkollhom iktar fiduċja fih u jaċċettawh iktar (De la Cruz-Góngora *et al.*, l-2017).

F'termini ta' kemm jiġu aċċettati l-iskemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, mil-letteratura ma joħroġ l-ebda rebbieħ ċar. Minflok, studji differenti juru preferenza għal skemi differenti, forsi minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tat-tikketti li jkunu qed jiġu studjati jew minħabba differenzi kulturali (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-2020).

Il-letteratura rilevanti turi li l-fatt li tikketta tkun l-iktar waħda ppreferuta ma jfissirx li din tkun twassal għall-iktar fehim oġġettiv min-naħa tal-konsumaturi u li din tkun tgħinhom l-iktar biex jidentifikaw l-għażliet li jkunu aħjar għas-saħħa (Ducrot *et al.*, l-2015b; Gregori *et al.*, l-2014).

*Il-fehim tal-konsumaturi*

Mil-letteratura joħroġ biċ-ċar li, f'ambjent sperimentali, ħafna mit-tikketti dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett għandhom effett pożittiv fuq il-kapaċità tal-konsumaturi li jidentifikaw l-għażla li tkun aħjar għas-saħħa, meta mqabbla ma' sitwazzjoni fejn ma jkun hemm l-ebda tikketta (pereżempju mill-istudji ta' Cecchini u Warin tal-2016, ta' Roseman *et al.* tal-2018 u ta' Hawley *et al.* tal-2013). Il-biċċa l-kbira mill-istudji jissuġġerixxu li l-iskemi evalwattivi li jużaw il-kodifikazzjoni bil-kulur, b'mod speċjali l-kodifikazzjoni bil-kulur ikkombinata ma' indikatur ikklassifikat skont studju internazzjonali reċenti (Egnell *et al.*, l-2018c), huma dawk li jgħinu l-iktar lill-konsumaturi ta' diversi etajiet li ġejjin minn status soċjoekonomiku differenti u minn kulturi differenti biex jidentifikaw il-prodotti li huma aħjar għas-saħħa (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-2020; Egnell *et al.*, l-2018a; Ducrot *et al.*, l-2015a).

Meta jintużaw tikketti speċifiċi għan-nutrijenti kkodifikati bil-kulur biex tittieħed deċiżjoni dwar kemm l-ikel differenti huwa tajjeb għas-saħħa, jidher li l-konsumaturi jqisuha iktar importanti li jevitaw il-kulur aħmar milli li jagħżlu l-kulur aħdar (Scarborough *et al.*, l-2015). Jidher li l-iskemi evalwattivi jgħinu lill-konsumaturi jevalwaw kemm il-prodotti huma tajbin għas-saħħa iktar mill-iskemi ta' informazzjoni mnaqqsa (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-2020), u jidher li dawn huma iktar effettivi mit-tikketti b'informazzjoni mnaqqsa meta l-konsumaturi jkollhom bżonn iqabblu prodotti li ma jistgħux jitqabblu faċilment (Newman *et al.*, l-2018).

*Impatt fuq l-imġiba waqt ix-xiri*

Minkejja l-istudji estensivi u l-evidenza li l-iskemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett iżidu l-fehim tal-informazzjoni dwar in-nutrizzjoni, huma ħafna iktar rari l-istudji xjentifiċi li fil-fatt jittestjaw jekk it-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jaffettwawx id-deċiżjonijiet tax-xiri tal-ikel tal-konsumaturi jew le. Ħafna mill-istudji għandhom x'jaqsmu ma' stħarriġ jew ma' esperimenti li janalizzaw l-intenzjoni tax-xiri minħabba li jkun hemm tikketta fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett iktar milli lejn x'jiġri fir-realtà waqt ix-xiri f'sitwazzjonijiet reali[30].

L-istudji li janalizzaw l-intenzjoni tax-xiri juru li t-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jistgħu jtejbu l-kwalità nutrizzjonali tal-għażliet tal-ikel u tax-xirjiet (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-2020). L-istudji sperimentali komparattivi jipprovdu informazzjoni ddettaljata dwar

[30] Abbażi ta' metaanaliżi ta' bosta studji sperimentali u fil-ħajja reali, Cecchini & Warin (2016) ikkalkulaw li t-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett iżid l-għadd ta' persuni li jagħżlu ikel aħjar għas-saħħa b'għadd medju ta' madwar 18 % (li jvarja minn 11 % sa 29 % skont l-iskema).

l-effettività relattiva tat-tikketti differenti fuq l-imġiba waqt ix-xiri, iżda ftit ħafna minn dawn l-istudji jinkludu tqabbil bejn il-pajjiżi u janalizzaw l-effett tad-differenzi kulturali. Ir-riżultati preliminari minn studju internazzjonali[31] juru li minn ħames tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li ġew ittestjati[32], it-tikketti tal-iskema msejħa "Nutri-Score" u dawk b'simboli li jixbhu lis-sinjali tat-traffiku wasslu għat-titjib l-iktar frekwenti u l-iktar sinifikanti fl-għażliet tal-konsumaturi favur ikel li huwa aħjar għas-saħħa fil-pajjiżi differenti.

Ftit li xejn jeżistu studji dwar l-imġiba waqt ix-xiri fil-ħajja reali, u mhuwiex faċli li wieħed jikseb evidenza dwar l-effett fuq l-imġiba waqt ix-xiri fir-realtà (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-2020). Waħda mir-raġunijiet għal dan jaf tkun li d-deċiżjonijiet tax-xiri huma influwenzati minn bosta fatturi lil hinn mit-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, fosthom mill-prezz (pereżempju mill-iskontijiet), mit-togħma mistennija, mid-drawwiet, eċċ. (ara, pereżempju, l-istudji ta' Grunert *et al.* tal-2010 u ta' Boztuğ *et al.* tal-2015). Xi studji fil-ħajja reali jikkonfermaw li l-iskemi evalwattivi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jistgħu jtejbu l-kwalità nutrizzjonali tal-għażliet tal-ikel, u l-iskemi li jużaw il-kodifikazzjoni bil-kulur u/jew il-kodifikazzjoni bil-kulur flimkien ma' indikatur ikklassifikat jidhru li huma l-iktar promettenti b'rabta ma' dan (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-2020). Diversi studji juru wkoll li l-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jista' jkollhom effett sostanzjali jekk isiru kampanji ta' sensibilizzazzjoni u/jew ta' komunikazzjoni meta jiddaħħlu (ara, pereżempju, l-istudji ta' Graham *et al.* tal-2017 u ta' Julia *et al.* tal-2016).

Hemm ukoll evidenza li turi li l-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett huma effettivi biex jappoġġaw il-konsumaturi li huma "mmotivati", jiġifieri l-konsumaturi li huma konxji minn saħħithom (ara, pereżempju, l-istudji ta' Finkelstein *et al.* tal-2018 u ta' Ni Mhurchu *et al.* tal-2018). It-tip ta' skema ta' tikkettar tista' tinfluwenza l-effett fuq l-imġiba waqt ix-xiri skont it-tip ta' konsumatur — jidher li t-tikketti evalwattivi huma iktar effettivi fuq il-konsumaturi li huma mmotivati mill-edoniżmu, filwaqt li l-iskemi ta' informazzjoni mnaqqsa jistgħu jkunu iktar effettivi fuq il-konsumaturi li huma mmotivati mis-saħħa (Hamlin, l-2015; Sanjari *et al.*, l-2017).

Jidher li l-kategorija tal-ikel ukoll taffettwa l-effettività tat-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett (Ni Mhurchu *et al.*, l-2018; Nikolova u Inman, l-2014). Pereżempju, huwa inqas probabbli li l-konsumaturi jaqraw it-tikketti fuq l-ikel "li mhux tajjeb għas-saħħa", minħabba li meta jixtru dan l-ikel huma jkunu jridu jgawduh u jevitaw l-informazzjoni li tiskuraġġihom milli jagħmlu dan (Talati *et al.*, l-2016). L-iskemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jista' jkollhom ukoll xi effetti mhux mistennija fuq ix-xirjiet. Xi studji identifikaw bidla fl-imġiba waqt ix-xiri minħabba l-preżenza ta' tikketta fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, iżda mingħajr assoċjazzjoni mal-indikazzjoni li tagħti l-iskema dwar kemm l-ikel ikun tajjeb għas-saħħa (Sacks *et al.*, l-2009; Hamlin, l-2015; Hamlin u McNeill, l-2016).

*Impatt fuq id-dieta u fuq is-saħħa*

Biex isir kejl dirett ta' jekk l-iskemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett itejbux id-dieta u s-saħħa tal-konsumaturi fir-realtà jew le, jeħtieġ jiġu osservati l-għażliet tal-ikel tagħhom ta' kuljum fit-tul u jiġi vvalutat l-effett tal-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta'

[31] L-istudju sperimentali komparattiv internazzjonali dwar il-parti ta' quddiem tal-pakkett, imsejjaħ l-istudju FOP-ICE, li wettaq konsorzju xjentifiku mill-Università ta' Pariġi 13 (fi Franza) u mill-Università ta' Curtin (fl-Awstralja). Fih ittieħdu kampjuni rappreżentattivi fil-livell nazzjonali mill-Arġentina, mill-Awstralja, mill-Bulgarija, mill-Kanada, mid-Danimarka, minn Franza, mill-Ġermanja, mill-Messiku, minn Singapore, minn Spanja, mill-Istati Uniti tal-Amerka u mir-Renju Unit.

[32] Dawn kienu t-tikketta tal-iskema msejħa "Nutri-Score", dik b'simboli li jixbhu lis-sinjali tat-traffiku, dik tal-iskema msejħa "Health Star Rating", dik b'simbolu ta' twissija u dik tal-konsum referenzjali.

quddiem tal-pakkett fuq is-saħħa fi prova kkontrollata aleatorja tul is-snin. Minħabba d-diffikultà biex jiġu stabbiliti studji bħal dawn u biex jingħataw provi tal-kawżalità, m'hemmx biżżejjed evidenza empirika biex jinsiltu konklużjonijiet dwar l-impatt tal-użu ta' tikketta fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett fuq kemm id-dieti jkunu tajbin għas-saħħa u fuq is-saħħa nnifisha (Cecchini u Warin, l-2016; Hersey *et al.*, l-2013; Crocket *et al.*, l-2018).

Minflok, ir-riċerkaturi jużaw approċċi ta' mmudellar biex jestrapolaw l-effetti fuq l-imġiba waqt ix-xiri għad-dieta ġenerali u għall-eżiti tas-saħħa marbutin mad-dieta (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-2020). Xenarji mmudellati tas-sostituzzjoni tal-ikel li jittiekel ħafna b'għażliet li jkunu aħjar għas-saħħa, kif identifikati mit-tikketti evalwattivi fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett (abbażi ta' mudelli ta' tfassil tal-profili nutrizzjonali), jindikaw tnaqqis potenzjali fil-konsum ta' kaloriji u ta' nutrijenti li huma ta' ħassib għas-saħħa pubblika (ara, pereżempju, l-istudji ta' Amcoff *et al.* tal-2015, ta' Roodenburg *et al.* tal-2013 u ta' Cecchini u Warin tal-2016).

Xi studji li janalizzaw l-assoċjazzjonijiet bejn il-kwalità tad-dieti (tal-voluntiera) u l-mard marbut man-nutrizzjoni jissuġġerixxu li l-kwalità tad-dieta, evalwata permezz tal-indiċi dijetetiku li fuqu tissejjes l-iskema msejħa "Nutri-Score", hija assoċjata ma' riskju iktar baxx ta' mard kardjovaskulari (Adriouch *et al.*, l-2016 u l-2017), ta' kanċer (Deschasaux *et al.*, l-2018) u ta' piż żejjed (Julia *et al.*, l-2015). Minn studju ieħor li kien jittratta ħames tikketti differenti li jintużaw fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ħareġ li t-tikketti dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett għandhom il-potenzjal jgħinu biex tonqos il-mortalità mill-mard li ma jitteħidx li huwa marbut mad-dieta, u nstab li dawn l-effetti kienu jiddependu fuq it-tip ta' tikketta ttestjata u li t-tikketta tal-iskema msejħa "Nutri-Score" donnha kienet l-iktar waħda effiċjenti f'dan ir-rigward (Egnell *et al.*, l-2019).

Il-letteratura tindika wkoll xi effetti potenzjali mhux mistennija tat-tikkettar fuq id-dieta. Pereżempju, meta dak li jkun iqis xi oġġett partikulari tal-ikel bħala oġġett tal-ikel li huwa tajjeb għas-saħħa, jaf jiekol iktar minnu minħabba li jħossu inqas ħati li qed jieklu (Chandon u Wansink, l-2007) u jekk tikketta fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ma tkunx tindika li dak l-oġġett tal-ikel ikun tajjeb għas-saħħa b'mod limitat, dak l-oġġett tal-ikel jaf jispiċċa jittiekel f'porzjonijiet kbar iżżejjed (Egnell *et al.*, l-2018b).

*Effetti oħrajn fuq il-konsumatur*

Xi studji wrew li l-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jistgħu jżidu r-rieda tal-konsumaturi li jħallsu għal prodotti li jkunu aħjar għas-saħħa (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-2020). Skont l-istudju ta' Crosetto *et al.* tal-2018, it-titjib nutrizzjonali tax-xirjiet waqt ix-xiri ta' prodotti li jkollhom tikketti li juru li huma aħjar għas-saħħa jaf iwassal għal spiża ekonomika, iżda jidher li l-familji bi dħul baxx huma dawk li jiġu affettwati l-inqas f'termini tal-ispiża tat-titjib nutrizzjonali tax-xirjiet.

Il-konfużjoni tal-konsumaturi u t-telf tal-fiduċja huma aspett ieħor li wieħed għandu jqis. L-analiżijiet tal-letteratura juru kemm il-konfużjoni tal-konsumaturi dwar l-iskemi tat-tikkettar issarraf f'ostaklu ewlieni għall-adozzjoni u għall-użu effettiv tagħhom (Cowburn u Stockley, l-2005; Grunert u Wills, l-2007). Il-konfużjoni tal-konsumaturi tista' tiżdied minħabba li fis-suq jintużaw għadd ta' tikketti b'formati differenti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett fl-istess ħin (Harbaugh *et al.*, l-2011; Draper *et al.*, l-2013; Malam *et al.*, l-2009). Tista' tinħoloq konfużjoni wkoll minħabba l-fatt li, abbażi tal-iskemi volontarji, m'hemmx bżonn ta' tikketta fuq il-parti ta' quddiem ta' kull pakkett, u dan jista' jwassal lill-konsumaturi biex jiffavorixxu l-prodotti bit-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li jkunu tajbin għas-saħħa daqs il-prodotti mingħajr it-tikketti jew, potenzjalment, inqas minnhom (Talati *et al.*, l-2016). Ir-riċerka li saret uriet ukoll li l-konsumaturi jitilfu l-fiduċja f'tikketta fuq il-parti ta' quddiem

tal-pakkett u jibdew jissusspettawha meta din tkun tindika li prodott "li mhuwiex tajjeb għas-saħħa" huwa prodott relattivament sustanzjuż (Harbaugh *et al.*, l-2011).

## 7. IMPATT FUQ L-OPERATURI TAN-NEGOZJI TAL-IKEL U FUQ IS-SUQ INTERN

L-iskemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jistgħu jaffettwaw lill-manifatturi tal-ikel u lill-fornituri tal-ikel b'mod ġenerali b'modi differenti. Il-fatt li jiddaħħlu t-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jista' jservi ta' inċentiv biex il-kumpaniji jirriformulaw il-prodotti eżistenti tagħhom u jiżviluppaw prodotti ġodda sabiex jiksbu klassifikazzjoni (iktar) favorevoli għat-tikketta fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett. Xi kwistjonijiet oħrajn marbutin mat-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, bħall-ostakli potenzjali għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-oġġetti tal-ikel fis-suq intern, ukoll huma rilevanti għall-fornituri tal-ikel.

*Impatt fuq l-imġiba b'rabta mal-provvista, fosthom ir-riformulazzjoni u l-innovazzjoni*

Sakemm l-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ikunu jistgħu jaffettwaw l-għażliet tal-konsumaturi, il-produtturi jkollhom inċentiv biex jadattaw il-kompożizzjoni nutrizzjonali tal-prodotti tagħhom għar-rekwiżiti meħtieġa biex jiksbu klassifikazzjoni (iktar) favorevoli għalihom. Teżisti evidenza li t-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett fil-fatt jinfluwenzaw il-kompożizzjoni tal-prodotti. Pereżempju, ġie rrappurtat (fl-istudji ta' Vyth *et al.* tal-2010, ta' Dummer *et al.* tal-2012 u ta' Ni Mhurchu *et al.* tal-2017 rispettivament) li l-adozzjoni tal-logo tal-għażla tajba għas-saħħa fin-Netherlands, tas-simbolu tal-programm imsejjaħ "Health Check Program"[33] fil-Kanada u tal-iskema msejħa "Health Star Rating" fi New Zealand wasslet għal titjib fil-profil nutrizzjonali tal-oġġetti tal-ikel fis-suq. Madankollu, din l-evidenza ta' riformulazzjoni jew ta' innovazzjoni fil-biċċa l-kbira tagħha tissejjes fuq *data* li rrappurtaw il-partijiet ikkonċernati stess. Ftit li xejn hemm studji xjentifiċi dwar l-impatt li t-tikketti volontarji fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ikollhom fuq l-iżvilupp ta' prodotti li huma aħjar għas-saħħa, għalkemm hemm xi evidenza dwar ir-rwol li t-tikketti volontarji fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jista' jkollhom fil-kisba ta' suq bi prodotti aħjar għas-saħħa (ara, pereżempju, l-istudju ta' Liu *et al.* tal-2015 dwar iċ-ċereali lesti biex jittieklu). Riskju potenzjali rrappurtat assoċjat mat-tweġiba tal-produtturi għall-iskemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett huwa li r-riformulazzjoni sseħħ biss b'rabta man-nutrijenti li jkunu inklużi fl-iskema tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett (Vyth *et al.*, l-2010; Carter *et al.*, l-2013). Għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-ingredjenti potenzjali ta' sostituzzjoni sabiex kull riformulazzjoni li tinkiseb ikollha wkoll il-potenzjal toffri benefiċċju reali għas-saħħa pubblika[34].

Ir-riformulazzjoni tista' tinfluwenza t-togħma tal-prodotti u l-karatteristiċi l-oħrajn tagħhom, u dan jista' jwassal għal tnaqqis fid-domanda għall-prodotti u b'hekk jelimina l-benefiċċji potenzjali ta' klassifikazzjoni aħjar fl-iskema ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett għall-kumpaniji. Għalhekk, il-manifatturi jevalwaw b'mod strateġiku l-benefiċċji ta' differenza fil-prodotti bbażata fuq in-nutrizzjoni meta jirriformulaw l-oġġetti tal-ikel jew meta jdaħħlu innovazzjonijiet fihom (Van Camp *et al.*, l-2012).

Iżda anke jekk il-manifatturi jiddeċiedu li ma jirriformulawx il-prodotti tagħhom, jew jekk ma jkunux jistgħu jirriformulaw il-prodotti tagħhom minħabba kompożizzjoni speċifika tal-

[33] Dan il-programm intemm fl-2014.

[34] Ara r-rapport tax-xjenza u tal-politika li ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka ħareġ fl-2014 dwar il-qagħda fl-Ewropa b'rabta mal-aċidi xaħmin trans imsejjaħ "Transfatty acids in Europe: where do we stand?".

prodotti jew standards speċifiċi għalihom[35], huma xorta waħda jistgħu jagħżlu li jużaw tikketta fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett b'mod volontarju, pereżempju għal raġunijiet ta' trasparenza. Il-bejjiegħa bl-imnut jistgħu jagħżlu din l-istrateġija wkoll (Machleit u Mantel, l-2001) bil-għan li jaffettwaw b'mod pożittiv kemm il-klijenti jħossu li huma qed jagħtu kas saħħithom (Newman *et al.,* l-2014). It-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jista' jippermetti lill-bejjiegħa bl-imnut jiddivrenzjaw ukoll il-prodotti b'tikketta privata (li jinbiegħu bil-marka tal-bejjiegħ bl-imnut) minn dawk tal-marki nazzjonali. Kif urew Van Camp *et al.* fl-istudju tal-2012 tagħhom, fir-Renju Unit il-prodotti b'tikketta privata kienu dawk li l-iktar kien se jkollhom tikketta fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett fuqhom.

*Impatt fuq l-SMEs*

B'mod speċjali għall-SMEs, it-tariffi potenzjali u/jew il-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni jistgħu jkunu ostakli importanti għalihom biex jużaw it-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett. Għalhekk, xi whud mill-iskemi huma mfassla b'mod speċifiku biex iħeġġu l-użu min-naħa tal-SMEs (pereżempju huma mingħajr ħlas, ma jinkludu l-ebda ċertifikazzjoni jew jinkludu *data* għad-dispożizzjoni ta' dak li jkun biex huwa jkun jista' jikkalkula l-punteġġ). L-SMEs jistgħu jsibuha iktar diffiċli jirriformulaw il-prodotti tagħhom mill-kumpaniji li huma ikbar, minħabba li għandhom inqas riżorsi finanzjarji u/jew riżorsi umani minnhom, għalkemm ta' min jinnota li t-titjib kontinwu fil-prodotti huwa marbut biss b'mod parzjali mat-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett u jiġi affettwat biss b'mod parzjali minnhom. F'dak li għandu x'jaqsam mal-logos pożittivi (pereżempju l-logo imsejjaħ "Keyhole" u dak tal-għażla tajba għas-saħħa), il-produtturi li huma iżgħar jirrappurtaw li huma japprezzaw l-impatt li logo magħruf sew jista' jkollu fuq il-marki tagħhom stess li jkunu inqas magħrufin, u l-fatt li dan itejjeb l-immaġni tal-kwalità u tat-tjubija għas-saħħa tal-prodotti tagħhom[36].

*Impatt fuq is-suq intern*

Bħala wieħed mir-rekwiżiti għall-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li żviluppaw l-Istati Membri jew l-operaturi tan-negozji tal-ikel, fl-Artikolu 35 tiegħu, ir-Regolament dwar l-FIC jipprevedi l-fatt li l-applikazzjoni tat-tali skemi ma tkunx toħloq ostakli[37] għall-moviment liberu tal-merkanzija fis-suq intern tal-UE. L-istess prinċipju japplika għall-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li jaqgħu taħt dispożizzjonijiet regolatorji oħrajn (ara t-Taqsima 3.2)[38].

Xi manifatturi tal-ikel jargumentaw li l-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li ċerti Stati Membri jirrakkomandaw jista' jkollhom impatt fuq il-bejgħ ta' prodotti speċifiċi importati minn Stati Membri oħrajn, jew li xi skemi, għalkemm huma volontarji, jistgħu jsiru obbligatorji fir-realtà minħabba l-pressjoni li huma jkollhom biex japplikaw it-tikketta rrakkomandata. F'dan il-kuntest, fl-2013 waslu xi lmenti uffiċjali minn xi operaturi ekonomiċi

[35] Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, għal ċerti prodotti agrikoli jew oġġetti tal-ikel li jkunu ngħataw it-titlu ta' "indikazzjoni ġeografika" skont id-dritt tal-Unjoni (indikazzjoni ġeografika tinkludi l-indikazzjoni ġeografika protetta (l-IĠP) u d-denominazzjoni ta' oriġini protetta (id-DOP), li huma żewġ skemi tal-kwalità li jipproteġu isem il-prodotti li jkunu ġejjin minn reġjun speċifiku u li jkunu magħmulin skont proċess partikulari tal-produzzjoni li jkun stabbilit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti).

[36] Skont l-istudji tal-każijiet li kuntrattur estern għamel fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 b'rabta mal-logo imsejjaħ "Keyhole", mal-programm imsejjaħ "Choices", mal-iskema ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett tar-Renju Unit u mal-iskema msejħa "Nutri-Score".

[37] Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-kelma "ostaklu" għandha tinftiehem bħala dawk ir-regoli kummerċjali li l-Istati Membri jistabbilixxu li jaf ixekklu, direttament jew indirettament, il-kummerċ fl-UE b'mod reali jew potenzjali.

[38] Skont l-Artikoli 34 sa 35 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-miżuri nazzjonali li jaf ixekklu l-kummerċ fl-UE huma pprojbiti.

b'rabta mal-iskema tas-sinjali tat-traffiku tar-Renju Unit. S'issa, il-Kummissjoni Ewropea ma rċeviet l-ebda lment ieħor dwar l-impatt li l-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jista' jkollhom fuq is-suq intern jew *data* oħra dwar dan.

Il-fatt li Stat Membru jirrakkomanda skema ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett tista' toħloq aspettattivi għall-konsumaturi li l-oġġetti tal-ikel ikkummerċjalizzati f'dak il-pajjiż, fosthom dawk li jkunu ġejjin minn pajjiżi oħrajn, għandu jkollhom fuqhom it-tikketta tal-iskema uffiċjali. Dan jista' jimplika li l-konsumatur medju jagħti preferenza lill-prodotti li jkollhom fuqhom it-tikketta tal-iskema uffiċjali meta mqabbla mal-prodotti li ma jkollhom fuqhom l-ebda tikketta jew li jkollhom fuqhom tikketti oħrajn li jkunu jeżistu, u jista' joħloq pressjoni fuq l-operaturi tan-negozji tal-ikel tal-UE biex jittikkettaw il-prodotti kollha li jkun hemm fis-suq nazzjonali bit-tikketta tal-iskema uffiċjali li jippromwovi l-Istat Membru.

Sa fejn jista' jiġi aċċertat, il-letteratura ma tgħid xejn dwar l-impatt tat-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li ddaħħlu fis-suq tal-UE fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u/jew dwar l-impatt tagħhom fuq il-bejgħ tal-prodotti importati. L-istudji dwar l-impatt tal-introduzzjoni tat-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett fuq id-deċiżjonijiet tax-xiri jħarsu iktar lejn l-impatt fuq il-kwalità nutrizzjonali tal-ikel mixtri milli lejn l-impatt fuq il-bejgħ ta' prodotti speċifiċi (importati).

Fl-aħħar nett, jista' jkun hemm impatt potenzjali minħabba l-fatt li Stati Membri differenti jirrakkomandaw skemi differenti ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, li jista' jwassal għal spejjeż addizzjonali tat-tikkettar għall-operaturi tan-negozji tal-ikel jekk dawn ikunu jridu jużaw it-tikketta rrakkomandata u jkollhom jibdlu l-pakkett abbażi tas-suq nazzjonali kkonċernat.

Abbażi tal-informazzjoni u tal-istudji disponibbli u minħabba d-diffikultà biex tinġabar id-*data* dwar l-impatti fit-tul ta' skemi li ġew żviluppati pjuttost reċentement, s'issa għad hemm evidenza limitata u mhux konklużiva dwar il-fatt li r-rakkomandazzjonijiet tal-Istati Membri biex tintuża skema partikulari ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jistgħu jxekklu ċ-ċirkolazzjoni libera tal-oġġetti tal-ikel jew le.

## 8. POŻIZZJONIJIET U PERSPETTIVI

### 1.7. Il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni

Fil-konklużjonijiet tiegħu[39] li adotta fis-6 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinkuraġġixxu t-tikkettar volontarju tal-ikel, skont il-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1169/2011, u b'mod partikulari fl-Artikolu 35(1) tiegħu, biex il-konsumaturi kollha, b'mod partikulari dawk minn gruppi soċjoekonomiċi iktar baxxi, jingħataw appoġġ biex jagħmlu għażliet tajbin għas-saħħa, kif ukoll biex jiġu promossi kampanji edukattivi u kampanji ta' informazzjoni li jkollhom l-għan li jtejbu l-fehim tal-konsumaturi tal-informazzjoni dwar l-ikel, fosthom tat-tikkettar dwar in-nutrizzjoni. Fil-konklużjonijiet tiegħu[40] li adotta fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tkompli tagħti prijorità lis-saħħa pubblika, b'mod partikulari billi tindirizza kwistjonijiet ta' importanza transfruntiera bħal, fost l-oħrajn, it-tikkettar tal-ikel, bil-għan aħħari li jitjiebu l-eżiti tas-saħħa fl-UE.

[39] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill li jikkontribwixxu biex jieqfu jiżdiedu l-Piż Żejjed u l-Obeżità fit-Tfulija (adottati fl-2017) (ĠU C 205, 29.6.2017, p. 46).

[40] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar nutrizzjoni tajba għat-tfal (adottati fl-2018) (ĠU C 232, 3.7.2018, p. 1).

Minn meta ġie adottat ir-Regolament dwar l-FIC ’l hawn, il-Parlament Ewropew ma adotta l-ebda riżoluzzjoni speċifika dwar it-tikkettar fuq il-parti ta’ quddiem tal-pakkett.

Fl-Opinjoni tiegħu[41] li adotta fl-4 ta’ Lulju 2018, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni “jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi, wara li tanalizza sistemi eżistenti ta’ tikkettar tal-ikel, sistema Ewropea unika u mandatorja ta’ tikkettar bil-kulur, fejn il-kuluri jiġu applikati fuq bażi ta’ unitajiet ta’ 100 g, fuq il-parti ta’ quddiem tal-imballaġġ tal-ikel fl-UE kollha, u b’hekk il-konsumaturi jkunu pprovduti b’informazzjoni ċara dwar il-kontenut ta’ zokkor, melħ u xaħam, favur l-inkoraġġiment ta’ mudelli ta’ konsum tal-ikel iktar sani.”

### 1.8. L-esperti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri tal-UE

Matul l-2018, fil-fażi ta’ tħejjija ta’ dan ir-rapport, ġew organizzati laqgħat konġunti bejn l-esperti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri, il-partijiet ikkonċernati u l-Kummissjoni biex isir skambju tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li dan ir-rapport ikopri u biex tinġabar id-*data* u l-informazzjoni dwarhom[42].

Xi esperti minn xi ftit awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-UE kienu favur skemi ta’ tikkettar fuq il-parti ta’ quddiem tal-pakkett ta’ informazzjoni mnaqqsa li jipprovdu informazzjoni speċifika għan-nutrijenti abbażi tad-daqs tal-porzjonijiet u li ma jevalwawx l-oġġetti tal-ikel, u huma kienu mħassbin li, bl-iskemi evalwattivi tat-tikkettar fuq il-parti ta’ quddiem tal-pakkett, xi prodotti tradizzjonali u xi speċjalitajiet reġjonali (bħall-ġobon, iż-żjut tal-ikel u l-prodotti tal-laħam) jaf ikollhom fuqhom tikketti li jiskuraġġixxu lill-konsumatur milli jixtrihom. Xi esperti minn għadd ta’ awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-UE, fosthom minn pajjiżi fejn diġà jintużaw it-tikketti evalwattivi, kienu favur l-iskemi evalwattivi u argumentaw li t-tali skemi qed jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet tal-ikel tajbin għas-saħħa. L-esperti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-oħrajn ma esprimewx preferenza speċifika għall-iskemi ta’ tikkettar fuq il-parti ta’ quddiem tal-pakkett ta’ informazzjoni mnaqqsa jew għal dawk evalwattivi.

L-esperti minn ħafna awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-UE qalu b’mod ċar li huma favur l-armonizzazzjoni tat-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta’ quddiem tal-pakkett madwar l-UE, u enfasizzaw il-fatt li l-eżistenza ta’ għadd kbir ta’ skemi fl-UE tħawwad lill-konsumatur u tista’ twassal għal frammentazzjoni tas-suq. B’mod ġenerali, ħafna mill-esperti tal-Istati Membri qablu li kwalunkwe skema għandha tkompli tibni fuq riċerka xjentifika estensiva, li tkun turi biċ-ċar il-fehim oġġettiv tal-iskema mill-konsumatur u tkun tqis gruppi soċjoekonomiċi differenti.

Fl-2014, ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-UE qablu dwar Pjan ta’ Azzjoni volontarju tal-UE dwar l-Obeżità fit-Tfal għall-2014 sal-2020 fil-livell tal-UE li jirreferi għall-iżvilupp ta’ skemi volontarji tat-tikkettar tal-ikel li l-konsumaturi jkunu jistgħu jifhmuhom faċilment[43].

### 1.9. Il-partijiet ikkonċernati

Ir-rappreżentanti tal-konsumaturi u l-assoċjazzjonijiet tas-saħħa pubblika jqisu li t-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta’ quddiem tal-pakkett jista’ jkollu rwol ewlieni biex jgħin

[41] L-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar inċentivi lokali u reġjonali għall-promozzjoni ta’ dieti sani u sostenibbli (adottata fl-2018) (ĠU C 387, 25.10.2018, p. 21).

[42] Wieħed jista’ jsib sommarju tal-laqgħat tat-23 ta’ April, tat-22 ta’ Ġunju u tat-22 ta’ Ottubru tal-2018 fis-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/food/expert-groups/ag-ap/adv-grp_fchaph/wg_2018_en.

[43] Il-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE dwar l-Obeżità fit-Tfal għall-2014 sal-2020. Brussell: il-Kummissjoni Ewropea, li ġie aġġornat f’Lulju tal-2014 u li jinsab fis-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/nutrition_physical_activity/docs/childhoodobesity_actionplan_2014_2020_en.pdf

lill-konsumaturi jagħżlu ikel li jkun aħjar għas-saħħa b'mod iktar infurmat. Matul in-negozjati dwar ir-Regolament dwar l-FIC, huma appoġġaw l-introduzzjoni ta' skema ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett tal-UE armonizzata u obbligatorja. Huma xorta għadhom favur approċċ komuni għat-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett u favur tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ikkodifikat bil-kulur[44], u r-rappreżentanti tal-konsumaturi jappoġġaw b'mod partikulari l-iskema msejħa "Nutri-Score"[45]. L-assoċjazzjonijiet tal-esperti tan-nutrizzjoni għandhom pożizzjoni simili dwar l-iskemi kkodifikati bil-kulur u huma favur skema unika u robusta ta' tikkettar fl-UE kollha[46].

Fl-2008, matul in-negozjati dwar ir-Regolament dwar l-FIC, l-industrija Ewropea tal-ikel u tax-xorb kienet favur informazzjoni volontarja fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett u kienet favur l-iskema tal-Gwida tal-Ammonti ta' Kuljum (li issa tissejjaħ l-iskema tal-konsum referenzjali). B'mod partikulari, ħafna setturi opponew skema tas-sinjali tat-traffiku fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, u qalu li skema bħal din tista' tfixkel lill-konsumaturi dwar it-tifsira tal-kuluri u tkun tiġġudika wisq[47]. Illum il-ġurnata xi setturi għadhom jopponu l-iskemi kkodifikati bil-kulur għall-istess raġunijiet, b'mod partikulari s-setturi speċifiċi li jittrattaw oġġetti tal-ikel li jistgħu jiġu rriformulati b'mod marġinali biss (jew li ma jistgħux jiġu rriformulati) (bħall-prodotti tal-laħam), sabiex jevitaw tikketta li ma tkunx favorevoli. Xi kumpaniji oħrajn tal-ikel u tax-xorb biddlu l-pożizzjoni tagħhom dwar l-iskemi kkodifikati bil-kulur u qed japplikaw tikketti (speċifiċi għan-nutrijenti jew ta' sinteżi) kkodifikati bil-kulur. Barra minn hekk, dal-ħin diversi bejjiegħa bl-imnut qed jużaw skemi differenti ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett madwar l-UE, fosthom skemi kkodifikati bil-kulur.

Il-bdiewa tal-UE u l-koperattivi tagħhom iqisu li l-għoti ta' informazzjoni nutrizzjonali jippermetti lill-konsumaturi jadottaw dieta iktar ibbilanċjata li tkun aħjar għas-saħħa. Madankollu, huma jopponu l-iskemi kkodifikati bil-kulur li jiffukaw biss fuq in-nutrijenti negattivi, billi huma jħossu li dawn jinjoraw il-kontribut nutrizzjonali ġenerali tal-prodotti agrikoli li fihom ħafna nutrijenti essenzjali[48]. Huma jinkwetaw li t-tali skemi jispiċċaw jenfasizzaw b'mod negattiv xi prodotti agrikoli li ma jistgħux jiġu rriformulati faċilment minħabba l-karatteristiċi tal-kompożizzjoni tagħhom jew minħabba l-karatteristiċi tradizzjonali tagħhom.

Ħafna partijiet ikkonċernati huma favur approċċ armonizzat għat-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett fl-UE kollha, u l-biċċa l-kbira minnhom jaqblu li kwalunkwe skema ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett għandha tkun ibbażata fuq ix-xjenza u fuq l-evidenza.

---

[44] Ara s-sit web li ġej: https://www.beuc.eu/publications/beuc-x-2017-141_the_time_is_ripe_for_simplified_front-of-pack_labelling_statement.pdf.

[45] Ara wkoll is-sit web li ġej: http://www.beuc.eu/publications/new-european-commission-%E2%80%93-what-consumers-expect-over-next-five-years/html.

[46] Skont l-informazzjoni li tat il-Federazzjoni Ewropea tal-assoċjazzjonijiet tal-esperti tan-nutrizzjoni (l-EFAD) fl-14 ta' Ġunju 2018.

[47] Sommarju tar-riżultati għad-dokument ta' konsultazzjoni dwar il-kompetittività, l-informazzjoni għall-konsumaturi u regolamentazzjoni aħjar għall-UE b'rabta mat-tikkettar imsejjaħ "Summary of results for the consultation document on: "Labelling: competitiveness, consumer information and better regulation for the EU"" li l-Kummissjoni Ewropea ppubblikat f'Diċembru tal-2006 (u li jinsab fis-sit web li ġej:(https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/labelling-nutrition_better-reg_cons-summary.pdf)

[48] Skont l-informazzjoni li tat l-għaqda msejħa "Copa-Cogeca" fis-6 ta' Lulju 2018.

Fit-8 ta' Mejju 2019 ġiet irreġistrata inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej[49] imsejħa "PRO-NUTRISCORE" li titlob lill-Kummissjoni "*timponi tikkettar issimplifikat tal-iskema msejħa "Nutri-Score" fuq l-oġġetti tal-ikel*"[50].

### 1.10. L-organizzazzjonijiet internazzjonali

Ir-Rapport li l-Kummissjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (id-WHO) li tittratta t-tmiem tal-obeżità fit-tfal ħarġet f'Marzu tal-2016[51] jirrakkomanda li jiġi implimentat tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li jista' jiġi interpretat u li jkun appoġġat mill-edukazzjoni pubblika. Il-pjan ta' implimentazzjoni tagħha tal-2017 jirrakkomanda wkoll li tiġi adottata jew żviluppata, skont il-bżonn, sistema obbligatorja ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li tkun tista' tiġi interpretata u li tkun ibbażata fuq l-aqwa evidenza disponibbli biex jiġi identifikat kemm l-ikel u x-xorb ikun tajjeb għas-saħħa. F'Mejju tal-2019, id-WHO ippubblikat l-abbozz tagħha dwar il-prinċipji ta' gwida u l-manwal ta' qafas għat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett biex jiġu promossi dieti tajbin għas-saħħa msejjaħ "Guiding principles and framework manual for front-of-pack labelling for promoting healthy diets"[52].

Fil-Pjan ta' Azzjoni tiegħu dwar l-Ikel u n-Nutrizzjoni għall-2015 sal-2020, l-Uffiċċju Reġjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għall-Ewropa jitlob lill-pajjiżi jżidu tikkettar li l-konsumaturi jsibuh faċli biex jużawh billi jistabbilixxu tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li jkunu jinftehmu faċilment jew li jkunu interpretattivi, u li jgħinu lill-konsumaturi jidentifikaw l-għażliet li huma aħjar għas-saħħa. Fir-rapport tiegħu ta' Ottubru tal-2018, l-Uffiċċju Reġjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għall-Ewropa jgħid ukoll li l-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li jipprovdu ġudizzji evalwattivi ta' kemm prodott ikun ħażin għas-saħħa, li jistgħu jenfasizzaw ukoll l-għażliet "li jkunu aħjar għal saħħtek", jidhru li huma iktar effettivi u li l-inizjattivi ta' edukazzjoni pubblika huma importanti biex jitjiebu s-sensibilizzazzjoni u l-fehim[53].

Fl-Aġġornament tagħha tal-2017 dwar l-obeżità[54], l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (l-OECD) enfasizzat li t-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jista' jgħin lin-nies jagħmlu għażliet li jkunu aħjar għal saħħithom u jista' jħeġġeġ lill-manifatturi tal-ikel jirriformulaw il-prodotti tagħhom.

## 9. KONKLUŻJONIJIET

It-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett għandu l-għan li jgħin lill-konsumaturi fl-għażliet tal-ikel tagħhom billi jipprovdilhom informazzjoni dwar in-nutrizzjoni mad-daqqa t'għajn, u kulma jmur qed jitqies bħala għodda li tappoġġa l-istrateġiji biex jiġi evitat il-mard li ma jittaħidx li huwa marbut mad-dieta.

Skont ir-regoli attwali tal-UE, l-informazzjoni dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett tista' tingħata b'mod volontarju f'konformità mar-rekwiżiti mogħtija fid-dritt tal-

[49] https://europa.eu/citizens-initiative/home_en

[50] Irtirata f'April 2020

[51] Ara s-sit web li ġej: https://www.who.int/end-childhood-obesity/en/.

[52] Ara s-sit web li ġej: https://www.who.int/nutrition/publications/policies/guidingprinciples-labelling-promoting-healthydiet/en/.

[53] Ara r-rapport ta' sinteżi tan-netwerk ta' evidenza dwar is-saħħa bin-numru 61 ta' Kelly, B. u Jewell, J. tal-2018 imsejjaħ "What is the evidence on the policy specifications, development processes and effectiveness of existing front-of-pack food labelling policies in the WHO European Region?" Copenhagen: l-Uffiċċju Reġjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għall-Ewropa. Kelly B., Jewell J., 2018 (Health Evidence Network (HEN) synthesis report 61).

[54] Ara s-sit web li ġej: http://www.oecd.org/health/obesity-update.htm.

Unjoni. L-istituzzjonijiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-qasam tas-saħħa u/jew is-settur privat **żviluppaw diversi skemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett**. **Il-biċċa l-kbira mill-iskemi eżistenti huma skemi evalwattivi (interpretattivi)** li, kemm jekk ikunu skemi speċifiċi għan-nutrijenti kif ukoll jekk ikunu skemi tal-indikaturi ta' sinteżi, huma **bbażati fuq il-mudelli tat-tfassil tal-profili nutrizzjonali**.

L-istudji analizzati biex jitfassal dan ir-rapport **jikkonfermaw li l-iskemi ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett għandhom il-potenzjal jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet tal-ikel favur is-saħħa**. Ħafna mill-konsumaturi jgħidu li huma jsibu t-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett utli u li jħarsu lejhom meta jkunu qed jixtru, anke jekk il-perċentwal ta' konsumaturi li verament jagħmel dan huwa iktar baxx. L-istudji juru li ħafna mit-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett għandhom effett pożittiv fuq il-kapaċità tal-konsumaturi li jidentifikaw l-għażla li tkun aħjar għas-saħħa, meta mqabbla ma' sitwazzjoni fejn ma jkun hemm l-ebda tikketta, u li **l-fehim** tal-konsumaturi tat-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jiżdied meta t-tabella tkun ikkodifikata bil-kulur, b'mod speċjali meta l-kuluri jkunu kkombinati ma' indikatur ta' sinteżi.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-impatt fuq **l-imġiba waqt ix-xiri**, l-istudji sperimentali li janalizzaw l-intenzjoni tax-xiri tal-konsumaturi juru li t-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, b'mod speċjali dawk ikkodifikati bil-kulur, jistgħu jtejbu kemm ix-xirjiet tal-konsumaturi jkunu tajbin għal saħħithom. Mhuwiex faċli li wieħed jikseb evidenza dwar l-effett fuq l-imġiba waqt ix-xiri fir-realtà minn studji fil-ħajja reali (fil-ħwienet) minħabba li bosta fatturi jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tax-xiri f'ħin reali. Xi studji jikkonfermaw li l-iskemi evalwattivi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett li jużaw il-kodifikazzjoni bil-kulur u/jew il-kodifikazzjoni bil-kulur flimkien ma' indikatur ikklassifikat jistgħu jtejbu l-kwalità nutrizzjonali tal-għażliet tal-ikel fil-ħajja reali. Diversi studji oħrajn ukoll juru li skema tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jista' jkollha effett sostanzjali jekk isiru kampanji ta' sensibilizzazzjoni u/jew ta' komunikazzjoni meta tiddaħħal.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-impatt li t-tikketti fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jista' jkollhom **fuq id-dieta u fuq is-saħħa** tal-konsumaturi, m'hemmx biżżejjed evidenza empirika biex jinsiltu konklużjonijiet dwar dan, iżda l-istudji ta' mmudellar jissuġġerixxu li dawn it-tikketti, b'mod partikulari dawk evalwattivi, għandhom effett pożittiv fuqhom.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-impatt li l-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jista' jkollhom fuq ir-riformulazzjoni tal-ikel, xi ftit studji, li huma bbażati l-iktar fuq *data* li rrappurtaw dawk li ħadu sehem fihom stess, jallegaw li **r-riformulazzjoni** tal-ikel hija marbuta mat-tikketti evalwattivi fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, għalkemm ta' min jinnota li xi prodotti agrikoli tal-ikel ma jistgħux jiġu rriformulati faċilment minħabba l-karatteristiċi tal-kompożizzjoni tagħhom jew minħabba l-karatteristiċi tradizzjonali tagħhom.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-impatt li jista' jkun hemm fuq is-**suq intern**, f'dan l-istadju għad hemm evidenza limitata u mhux konklużiva mill-esperjenza li kien hemm s'issa dwar il-fatt li skemi partikulari ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett irrakkomandati mill-Istati Membri jew implimentati mill-operaturi tan-negozji tal-ikel fuq bażi volontarja jistgħu jxekklu ċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti fis-suq tal-UE jew le. Il-fatt li Stat Membru jirrakkomanda skema tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jista' jimplika li l-konsumatur medju jagħti preferenza lill-prodotti li jkollhom fuqhom it-tikketta tal-iskema uffiċjali u joħloq pressjoni fuq l-operaturi tan-negozji tal-ikel tal-UE biex jittikkettaw il-prodotti kollha li jkun hemm fis-suq nazzjonali bit-tikketta tal-iskema promossa b'mod uffiċjali. L-użu ta' skemi differenti tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett fis-suq

intern jista' jwassal għal ċerti spejjeż għan-negozji, kif ukoll għal konfużjoni tal-konsumaturi u għal nuqqas ta' fiduċja fihom min-naħa tal-konsumaturi.

**Il-fehmiet dwar l-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett** — u dwar kif dawn għandhom (jew ma għandhomx) jiġu rregolati — ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor u minn grupp ta' partijiet ikkonċernati għall-ieħor, u l-esperti minn diversi Stati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-qasam tas-saħħa u xi setturi tal-industrija huma favur l-iskemi li jevalwaw il-kwalità nutrizzjonali tal-prodott, filwaqt li l-esperti minn xi ftit Stati Membri u parti mill-industrija huma favur l-iskemi ta' informazzjoni mnaqqsa (mhux interpretattivi). L-esperti minn ħafna Stati Membri tal-UE u l-partijiet ikkonċernati huma favur approċċ komuni armonizzat, u jargumentaw li l-koeżistenza ta' għadd ta' skemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett fis-suq tal-UE tista' twassal għal frammentazzjoni tas-suq u tħawwad lill-konsumaturi.

Dan ir-rapport jiddeskrivi l-kwistjonijiet ewlenin li jridu jitqiesu f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett. Waħda mill-kwistjonijiet hija marbuta mal-mudelli tat-tfassil tal-profili nutrizzjonali, li fuqhom huma bbażati ħafna mill-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett. Id-dritt tal-Unjoni li japplika għall-użu tal-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ukoll juża l-kunċett tat-tfassil tal-profili nutrizzjonali. Skont id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament[55] dwar l-indikazzjonijiet, l-objettiv speċifiku mfittex meta jiġu stabbiliti l-profili nutrizzjonali għadu rilevanti u meħtieġ biex jitħarsu l-konsumaturi minħabba li jillimita l-użu tal-indikazzjonijiet fuq l-ikel li jkun fih ħafna xaħam, melħ u zokkor, kif titlob il-leġiżlazzjoni.

Minħabba **r-rabta qawwija li hemm bejn it-tfassil tal-profili nutrizzjonali u t-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett**, jaf ikun hemm xi sinerġiji possibbli jekk issir riflessjoni dwar dawn iż-żewġ suġġetti f'daqqa.

Fil-Patt Ekoloġiku Ewropew[56] li l-Kummissjoni adottat fil-11 ta' Diċembru 2019 tħabbar li se jkun hemm **Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"**[57] li se tipproponi azzjonijiet biex tgħin lill-konsumaturi jagħżlu dieti sostenibbli li jkunu tajbin għas-saħħa. B'mod partikulari, il-Kummissjoni se tanalizza modi ġodda kif il-konsumaturi jistgħu jingħataw informazzjoni aħjar dwar il-valur nutrizzjonali tal-ikel.

Minħabba din il-prijorità politika, l-elementi msemmijin hawn fuq u l-potenzjal li l-iskemi tat-tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett għandhom biex jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet tal-ikel favur is-saħħa, jidher li huwa xieraq li t-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jiġi armonizzat fil-livell tal-UE. Iktar 'il quddiem, il-Kummissjoni se tħejji proposta leġiżlattiva f'konformità mal-objettivi tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u mal-prinċipji tar-regolamentazzjoni aħjar.

[55] SWD(2020) 95
[56] Ara s-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt.
[57] COM(2020) 381

**REFERENZI**


Adriouch, S., Julia, C., Kesse-Guyot, E., Méjean, C., Ducrot, P., Péneau, S., … Fezeu, L. K. L. K. (l-2016). Prospective association between a dietary quality index based on a nutrient profiling system and cardiovascular disease risk. *European Journal of Preventive Cardiology*, 23(15), 1669–1676.

Adriouch, S., Julia, C., Kesse-Guyot, E., Ducrot, P., Péneau, S., Méjean, C., … Fezeu, L. K. K. (l-2017). Association between a dietary quality index based on the food standard agency nutrient profiling system and cardiovascular disease risk among French adults. *International Journal of Cardiology*, 234, 22–27.

Amcoff et al. (l-2015). Livsmedelsverket 2015a Choosing foods with the Keyhole logo– effect on nutrient intake Amcoff, E., Konde, Å. B., Jansson, A. u Sanner Färnstrand, J. (L-2015). Byta till Nyckelhålet - så påverkar det näringsintaget. Uppsala. Studju miksub mis-sit web li ġej: http://www.livsmedelsverket.se/globalassets/rapporter/2015/nyckelhalets-effekt-pa-naringsintaget-2015.pdf

Babio, N., Vicent, P., López, L., Benito, A., Basulto, J., Salas-Salvadó, J., … Salas-Salvado, J. (2014). Adolescents' ability to select healthy food using two different front-of-pack food labels: a cross-over study. Public Health Nutrition, 17(6), 1403–1409.

Becker *et al.* (l-2015). Front of pack labels enhance attention to nutrition information in novel and commercial brands. *Food Policy*, 56, 76–86.

Campos, S., J. Doxey, and D. Hammond, Nutrition labels on pre-packaged foods: a systematic review. Public Health Nutr, 2011. 14(8): p. 1496-506.

Carter, O. B. J., Mills, B. W., Lloyd, E. u Phan, T. (l-2013). An independent audit of the Australian food industry's voluntary front-of-pack nutrition labelling scheme for energy-dense nutrition-poor foods. *European Journal of Clinical Nutrition*, 67(1), 31–35.

Cecchini, M. u Warin, L. (2016). Impact of food labelling systems on food choices and eating behaviours: A systematic review and meta-analysis of randomized studies. Obesity Reviews, 17(3), 201-210

Chandon, P. u Wansink, B. (2007). The Biasing Health Halos of Fast-Food Restaurant Health Claims: Lower Calorie Estimates and Higher Side-Dish Consumption Intentions. Journal of Consumer Research, 34(3), 301-314.

Cowburn, G. u Stockley, L. (2005). Consumer understanding and use of nutrition labelling: a systematic review. Public Health Nutrition, 8(1), 21-28.

Crosetto, P., Lacroix, A. M., Muller, L., Ruffieux, B. (2018). Nutritional and economic impact of 5 alternative front-of-pack nutritional labels: experimental evidence. Dokument ta' ħidma tal-GAEL, 11. 40 paġna.

De la Cruz-Góngora, V., Torres, P., Contreras-Manzano, A., Jáuregui de la Mota, A., Mundo-Rosas, V., Villalpando, S., … Rodriguez-Oliveros, G. (l-2017). Understanding and acceptability by Hispanic consumers of four front-of-pack food labels. *International Journal of Behavioral Nutrition and Physical Activity*, 14(1).

Deschasaux, M., Huybrechts, I., Murphy, N., Julia, C., Hercberg, S., Srour, B., … Touvier, M. (2018). Nutritional quality of food as represented by the FSAm-NPS nutrient profiling system underlying the Nutri-Score label and cancer risk in Europe: Results from the EPIC prospective cohort study. PLoS Med, 15(9), e1002651.

Draper, A. K. K., Adamson, A. J. J., Clegg, S., Malam, S., Rigg, M. u Duncan, S. (2013). Front-of-pack nutrition labelling: are multiple formats a problem for consumers? European Journal of Public Health, 23(3), 517–521.

Ducrot, P., Méjean, C., Julia, C., Kesse-Guyot, E., Touvier, M., Fezeu, L., … Peneau, S. (2015a). Effectiveness of Front-Of-Pack Nutrition Labels in French Adults: Results from the NutriNet-Sante Cohort Study. Plos One, 10(10). https://doi.org/10.1371/journal.pone.0140898

Ducrot, P., Méjean, C., Julia, C., Kesse-Guyot, E., Touvier, M., Fezeu, L. K. K., … Péneau, S. (l-2015b). Objective Understanding of Front-of-Package Nutrition Labels among Nutritionally At-Risk Individuals. *Nutrients*, 7(8), 7106–7125.

Dummer, J. (l-2012). Sodium reduction in Canadian food products with the health check program. *Canadian Journal of Dietetic Practice and Research*, 73(1), e227–232.

Egnell, M., Ducrot, P., Touvier, M., Allès, B., Hercberg, S., Kesse-Guyot, E. u Julia, C. (2018a). Objective understanding of Nutri-Score Front-Of-Package nutrition label according to individual characteristics of subjects: Comparisons with other format labels. PLOS ONE, 13(8), 1–16.

Egnell, M., Kesse-Guyot, E., Galan, P., Touvier, M., Rayner, M., Jewell, J., … Julia, C. (2018b). Impact of front-of-pack nutrition labels on portion size selection: an experimental study. Nutrients, 10(9), 1268.

Egnell, M., Talati, Z., Hercberg, S., Pettigrew, S. u Julia, C. (2018c). Objective Understanding of front-of-package nutrition labels: An international comparative experimental study across 12 countries. Nutrients, 10(10), 1542.

Egnell, M., Crosetto, P., d'Almeida, T., Kess-Guyot, E., Touvier, M., … Julia, C. (l-2019). Modelling the impact of different front-of-package nutrition labels on mortality from non-communicable chronic disease. *International Journal of Behavioral Nutrition and Physical Activity*, 2019, 16:56.

Finkelstein, E. A. A., Li, W. Y., Melo, G., Strombotne, K. u Zhen, C. (2018). Identifying the effect of shelf nutrition labels on consumer purchases: results of a natural experiment and consumer survey. American Journal of Clinical Nutrition, 107(4), 647–651.

Graham, D. J. J., Lucas-Thompson, R. G. G., Mueller, M. P. P., Jaeb, M. u Harnack, L. (2017). Impact of explained v. unexplained front-of-package nutrition labels on parent and child food choices: a randomized trial. Public Health Nutrition, 20(5), 774-785.

Gregori, D. (2014). Evaluating food front-of-pack labelling: a pan-European survey on consumers' attitudes toward food labelling. International Journal of Food Sciences and Nutrition, 65(2), 177–186

Grunert, K. G. u Wills, J. M. (l-2007). A review of European research on consumer response to nutrition information on food labels. *Journal of Public Health*, 15(5), 385–399.

Grunert, K. G., Fernández-Celemín, L., Wills, J. M., Storcksdieck genannt Bonsmann, S. u Nureeva, L. (2010). Use and understanding of nutrition information on food labels in six European countries. Z Gesundh Wiss, 18(3), 261–277. https://doi.org/10.1007/s10389-009-0307-0

Hamlin, R. (2015). Front of Pack Nutrition Labelling, Nutrition, Quality and Consumer Choices. (2015) Current Nutrition Reports, 4:323–329. DOI 10.1007/s13668-015-0147-1

Harbaugh, R., Maxwell, J. W. u Roussillon, B. (2011). Label Confusion: The Groucho Effect of Uncertain Standards. Management Science, 57(9), 1512–1527.

Hawley, K. L. L., Roberto, C. A. A., Bragg, M. A. A., Liu, P. J. J., Schwartz, M. B. B. u Brownell, K. D. D. (l-2013). The science on front-of-package food labels. *Public Health Nutrition*, 16(3), 430–439.

Hodgkins, C., Barnett, J., Wasowicz-Kirylo, G., Stysko-Kunkowska, M., Gulcan, Y., Kustepeli, Y., … Raats, M. (2012). Understanding how consumers categorise nutritional labels: A consumer derived typology for front-of-pack nutrition labelling. Appetite, 59(3), 806–817.

Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka. (l-2020). Front-of-pack nutrition labelling schemes: a comprehensive review. Kittieba: S Storcksdieck genannt Bonsmann, G Marandola, E Ciriolo, R van Bavel, J Wollgast. EUR 29811 EN, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, l-2020, ISBN 978-92-76-08970-4, doi:10.2760/180167, JRC113586.

Julia, C., Ducrot, P., Lassale, C., Fézeu, L., Méjean, C., Péneau, S., … Kesse-Guyot, E. (l-2015). Prospective associations between a dietary index based on the British Food Standard Agency nutrient profiling system and 13-year weight gain in the SU.VI.MAX cohort. *Preventive Medicine*, 81, 189–194.

Julia, C., Blanchet, O., Méjean, C., Péneau, S., Ducrot, P., Allès, B., … Hercberg, S. (2016). Impact of the front-of-pack 5-colour nutrition label (5-CNL) on the nutritional quality of purchases: an experimental study. International Journal of Behavioral Nutrition and Physical Activity, 13(1).

Julia C. u Hercberg, S. (2017). Nutri-Score: Effectiveness of the Nutrition Label introduced in France. Ernahrungs Umschau, 64(12), M685–M691.

Kanter, R., Vanderlee, L. u Vandevijvere, S. (2018). Front-of-package nutrition labelling policy: global progress and future directions. Public Health Nutrition, 21(8), 1399-1408.

Liu, X., Lopez, R. u Zhu, C. (l-2015). Can Voluntary Nutrition Labeling Lead to a Healthier Food Market? Il-laqgħa annwali tal-2016 tal-assoċjazzjoni msejħa "Allied Social Sciences Association" (l-ASSA) li saret mit-

3 sal-5 ta' Jannar tal-2016, f'San Francisco, California, dokument bin-numru 212818 ippubblikat mill-assoċjazzjoni msejħa "Agricultural and Applied Economics Association".

Machleit, K. A., u Mantel, S. P. (2001). Emotional response and shopping satisfaction: Moderating effects of shopper attributions. Journal of Business Research, 54(2), 97-106

Malam S., Clegg, S., Kirwan, S., McGinigal, S., flimkien ma' Raats, M., Barnett, J., … Dean, M. (2009). Comprehension and use of UK nutrition signpost labelling schemes. Londra: l-aġenzija għall-istandards tal-ikel imsejħa "Food Standards Agency". Studju miksub mis-sit web li ġej: http://www.food.gov.uk/multimedia/pdfs/pmpreport.pdf

Méjean, C., Macouillard, P., Péneau, S., Hercberg, S., Castetbon, K., Peneau, S., … Castetbon, K. (l-2013). Consumer acceptability and understanding of front-of-pack nutrition labels. *Journal of Human Nutrition and Dietetics*, 26(5), 494–503.

Miklavec, K., Pravst, I., Raats, M.M. u Pohar, J (2016). Front of package symbols as a tool to promote healthier food choices in Slovenia: Accompanying explanatory claim can considerably influence the consumer's preferences. Food Research International, 90, 235–243.

Möser, A., Hoefkens, C., Van Camp, J., Verbeke, W., Moser, A., Hoefkens, C., … Verbeke, W. (2010). Simplified nutrient labelling: consumers' perceptions in Germany and Belgium. Journal Fur Verbraucherschutz Und Lebensmittelsicherheit - Journal of Consumer Protection and Food Safety, 5(2), 169–180.

Newman, C. L. L., Howlett, E. u Burton, S. (2014). Shopper Response to Front-of-Package Nutrition Labeling Programs: Potential Consumer and Retail Store Benefits. Journal of Retailing, 90(1), 13–26.

Newman, C. L., Burton, S., Andrews, J. C., Netemeyer, R. G. u Kees, J. (2018). Marketers' use of alternative front-of-package nutrition symbols: An examination of effects on product evaluations. Journal of the Academy of Marketing Science, 46(3), 453–476.

Nikolova, H. D. u Inman, J. J. (2015). Healthy Choice: The Effect of Simplified Point-of-Sale Nutritional Information on Consumer Food Choice Behavior. Journal of Marketing Research. 52(6), 817 – 835.

Ni Mhurchu, C., Eyles, H., Choi, Y.-H. H., Mhurchu, C. N., Eyles, H., Choi, Y.-H. H., … Choi, Y.-H. H. (2017). Effects of a Voluntary Front-of-Pack Nutrition Labelling System on Packaged Food Reformulation: The Health Star Rating System in New Zealand. Nutrients, 9(8).

Ni Mhurchu, C., Eyles, H., Jiang, Y. u Blakely, T. (2018). Do nutrition labels influence healthier food choices? Analysis of label viewing behaviour and subsequent food purchases in a labelling intervention trial. Appetite. 121:360-365

Provencher, V., Polivy, J. u Herman, C. P. (2009). Perceived healthiness of food. If it's healthy, you can eat more! Appetite, 52(2), 340–344f.

Roodenburg, A. J. C., van Ballegooijen, A. J., Dötsch-Klerk, M., van der Voet, H. u Seidell, J. C. (2013). Modelling of Usual Nutrient Intakes: Potential Impact of the Choices Programme on Nutrient Intakes in Young Dutch Adults. PLoS ONE. https://doi.org/10.1371/journal.pone.0072378

Roseman, M. G., Joung, H.-W. u Littlejohn, E. I. (l-2018). Attitude and Behavior Factors Associated with Front-of-Package Label Use with Label Users Making Accurate Product Nutrition Assessments. *Journal of the Academy of Nutrition and Dietetics*, 118(5), 904–912.

Sanjari, S. S. S., Jahn, S. u Boztug, Y. (l-2017). Dual-process theory and consumer response to front-of-package nutrition label formats. *Nutrition Reviews*, 75(11), 871–882.

Savoie, N., Barlow, K., Harvey, K. L. L., Binnie, M. A. A. u Pasut, L. (l-2013). Consumer Perceptions of Front-of-package Labelling Systems and Healthiness of Foods. *Canadian Journal of Public Health — Revue Canadienne De Sante Publique*, 104(5), E359–E363.

Scarborough, P., Matthews, A., Eyles, H., Kaur, A., Hodgkins, C., Raats, M. M. u Rayner, M. (2015). Reds are more important than greens: How UK supermarket shoppers use the different information on a traffic light nutrition label in a choice experiment. International Journal of Behavioral Nutrition and Physical Activity, 12(151), 1–9

Storcksdieck genannt Bonsmann, S., Fernández Celemín, L., Larranaga, A., Egger, S., Wills, J. M., Hodgkins, C. u Raats, M. M. f'isem il-konsorzju msejjaħ "FLABEL" (l-2010). Penetration of nutrition information on food labels across the EU-27 plus Turkey. *European Journal of Clinical Nutrition*, 64, 1379–1385.

Talati, Z., Pettigrew, S., Kelly, B., Ball, K., Dixon, H. u Shilton, T. (l-2016). Consumers' responses to front-of-pack labels that vary by interpretive content. *Appetite*, 101, 205–213.

Van Camp, D., De Souza Monteiro, D. M., Hooker, N. H. H., Monteiro, D. M. D. u Hooker, N. H. H. (2012). Stop or go? How is the UK food industry responding to front-of-pack nutrition labels? European Review of Agricultural Economics, 39(5), 821–842

Vyth, E. L. L., Steenhuis, I. H. M. H. M., Roodenburg, A. J. C. J. C., Brug, J. u Seidell, J. C. C. (2010). Front-of-pack nutrition label stimulates healthier product development: a quantitative analysis. International Journal of Behavioral Nutrition and Physical Activity, 7(65)